azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi, filwaqt li tiġi ppreżervata biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri biex iqisu l-istrutturi agrikoli u l-ispeċifiċitajiet reġjonali differenti tagħhom. Miżuri bħal dawn jistgħu jappoġġaw lill-bdiewa fl-adozzjoni gradwali ta' prattiki sostenibbli, u jsaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur agrikolu b'mod ibbilanċjat u li jkun ekonomikament vijabbli. Allokazzjoni mmirata u prevedibbli tal-finanzjament jenħtieġ li ssaħħaħ iċ-ċertezza tal-ippjanar għall-bdiewa u l-amministrazzjonijiet, tħeġġeġ l-investiment u l-innovazzjoni, u tiżgura li l-ambizzjonijiet ambjentali jintlaħqu b'mod li jibqa' kompatibbli mas-sigurtà tal-ikel u l-vijabbiltà fit-tul taż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 422
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur agrikolu, jenħtieġ li l-bdiewa affettwati minn kriżijiet, inklużi l-mard tal-annimali jew tal-pjanti u riskji oħra marbuta mat-tibdil fil-klima jew mad-degradazzjoni ambjentali, ikunu jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju malajr permezz ta' proċeduri simplifikati. Fl-istess ħin, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jħeġġeġ approċċ ta' prevenzjoni l-ewwel, li jiffoka fuq il-prevenzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-ekosistema f'ras il-għajn, inkluż permezz tal-bijosigurtà mtejba, tal-benesseri tal-annimali u tal-prattiki tal-biedja sostenibbli. L-Istati Membri qed jimplimentaw skema ta' appoġġ simplifikata għall-azjendi agrikoli żgħar

b'obbligi amministrattivi mnaqqsa.

Or. el

Emenda 423
André Franqueira Rodrigues

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, l-agrikoltura hija mxekkla minn restrizzjonijiet strutturali permanenti minħabba l-pożizzjoni remota, l-insularità, is-swieq iżgħar, dipendenza mill-importazzjonijiet għall-inputs, il-kostijiet addizzjonali tat-trasport u l-esponiment akbar għar-riskji klimatiċi. Jenħtieġ li l-inkorporazzjoni tal-appoġġ tal-PAK fil-Pjanijiet SNR ma sservix biex timmina l-miżuri speċifiċi previsti fir-Regolament (UE) Nru 228/2013. Bħala tali, jenħtieġ li l-interventi tal-PAK fir-reġjuni ultraperiferiċi jikkomplementaw – mhux jissostitwixxu – l-appoġġ skont il-programm POSEI. Fl-istess ħin, jenħtieġ li r-rispons speċifiku tal-Unjoni għar-restrizzjonijiet permanenti msemmija hawn fuq ikun kontinwu, trasparenti u ffinanzjat kif xieraq.

Or. pt

Emenda 424
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Ir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant

tal-Unjoni jiffaċċjaw sfidi speċifiċi u fit-tul marbuta mal-post tagħhom fil-fruntiera esterna tal-Unjoni, inkluż tfixkil fil-flussi kummerċjali, żieda fil-kostijiet tat-trasport u tal-loġistika, pressjoni fuq il-ktajjen tal-provvista tal-ikel lokali, riskji ta' depopolazzjoni u l-konsegwenzi ekonomiċi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, jenħtieġ li l-PAK tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ immirat lill-bdiewa, lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, lill-kooperattivi u lill-ktajjen tal-valur lokali f'dawk ir-reġjuni, sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel, tinżamm l-attività agrikola, jiġu appoġġati s-swieq lokali u reġjonali u titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet.

Or. en

Emenda 425
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-produzzjoni tal-mixtliet tikkostitwixxi attività agrikola importanti, li tipprovdi materjal essenzjali għat-tħawwil għall-produzzjoni tal-ikel, il-forestrija, l-agroforestrija, ir-restawr tal-bijodiversità, l-ekoloġizzazzjoni urbana u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Minħabba din il-kontribuzzjoni trażversali għas-settur, l-operaturi tal-mixtliet jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala benefiċjarji eliġibbli tal-appoġġ għall-investiment tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrikonoxxi l-produzzjoni tal-mixtliet bħala fornitur ta' input strateġiku f'diversi objettivi ta' politika tar-Regolament — is-sigurtà tal-ikel, l-iżvilupp tal-forestrija u tal-agroforestrija, ir-restawr tal-bijodiversità, u l-adattament għat-tibdil fil-klima — u tiżgura li l-operaturi tal-mixtliet ma jiġux esklużi mill-appoġġ għall-investimenti tal-Unjoni.

Emenda 426
Michal Wiezik, Ciaran Mullooly, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Katina tal-valur agroalimentari kompetittiva u sostenibbli tikkontribwixxi għall-vijabbiltà ekonomika tal-biedja, is-sigurtà tal-ikel u l-iżvilupp rurali. Għalhekk, l-investimenti li jappoġġaw l-ipproċessar lokali u reġjonali, l-innovazzjoni u ż-żieda fil-valur jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari, għaż-żieda tar-reżiljenza u għall-promozzjoni ta' ekonomiji rurali sostenibbli.

Or. en

Emenda 427
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Norbert Lins, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-produzzjoni tal-mixtliet tikkostitwixxi attività agrikola li tipprovdi materjal essenzjali għat-tħawwil għall-produzzjoni tal-ikel, il-forestrija, l-agroforestrija, ir-restawr tal-bijodiversità, l-ekoloġizzazzjoni urbana u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi tal-mixtliet jiġu rikonoxxuti bħala benefiċjarji eliġibbli tal-appoġġ

għall-investimenti tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 428
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Fir-rigward tal-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi, jenħtieġ li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament u fil-Pjanijiet SNR tagħhom jissupplimentaw il-miżuri eżistenti skont ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 (POSEI), li jżomm l-arranġamenti ta' implimentazzjoni u ta' programmazzjoni tiegħu stess.

Or. pt

Emenda 429
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) (12a) Il-produzzjoni tal-mixtliet tikkostitwixxi attività agrikola li tipprovdi materjal essenzjali għat-tħawwil għall-produzzjoni tal-ikel, għall-forestrija, għall-agroforestrija u għall-ekoloġizzazzjoni urbana. Għalhekk, l-operaturi tal-mixtliet jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala benefiċjarji eliġibbli tal-appoġġ għall-investimenti tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 430
Paulo do Nascimento Cabral, Sérgio Humberto, Ana Miguel Pedro, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) F'konformità mal-objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ is-sigurtà tal-ikel, l-awtonomija strateġika u l-kompetittività fit-tul tal-agrikoltura, jenħtieġ li jingħata appoġġ lill-bdiewa biex jgħinhom jipproduċu għelejjel li fihom il-proteina għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali. L-għelejjel li fihom il-proteina – u l-legumi b'mod partikolari – jistgħu jgħinu biex itejbu l-fertilità tal-ħamrija, inaqqsu d-dipendenza mill-għalf tal-annimali importat, joħolqu opportunitajiet ta' introjtu supplimentari u jsaħħu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli u tal-ktajjen tal-valur rurali.

Or. pt

Emenda 431
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Kull Stat Membru jħejji u jaġġorna kull 5 snin pjan nazzjonali ta' reżiljenza għall-klima għall-agrikoltura, li jinkludi valutazzjoni tar-riskju, prijoritajiet ta' investiment, miżuri ta' prevenzjoni, indikaturi ta' monitoraġġ u pjan ta' finanzjament.

Or. el

Emenda 432
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) L-Unjoni tħeġġeġ l-iżvilupp ta' sistemi ta' assigurazzjoni agrikoli kontra r-riskji klimatiċi, il-kofinanzjament tal-primjums tal-produtturi u l-promozzjoni ta' standards Ewropej komuni ta' valutazzjoni tar-riskju.

Or. el

Emenda 433
Gabriella Gerzsenyi

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li l-bdiewa jibbilanċjaw id-dmirijiet professjonali mar-responsabbiltajiet personali u familjari, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi pprovdut appoġġ għal servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jiffaċilitaw is-sostituzzjoni tal-bdiewa waqt liv minħabba mard, għat-trobbija tat-tfal, għall-vaganzi jew għal meta jkunu qed jieħdu sehem f'taħriġ. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' dawn is-servizzi kif ukoll il-pagi għall-ħaddiema temporanji li jissostitwixxu lill-bidwi.	(13) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li l-bdiewa jibbilanċjaw id-dmirijiet professjonali mar-responsabbiltajiet personali u familjari, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi pprovdut appoġġ għal servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jiffaċilitaw is-sostituzzjoni tal-bdiewa waqt liv minħabba mard, għat-trobbija tat-tfal, għall-vaganzi jew għal meta jkunu qed jieħdu sehem f'taħriġ. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' dawn is-servizzi kif ukoll il-pagi għall-ħaddiema temporanji li jissostitwixxu lill-bidwi. ***F'dan ir-rigward, l-assistenza teknika għandha tappoġġa lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-Gruppi ta' Azzjoni Lokali, lis-servizzi konsultattivi, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lil***

partijiet ikkonċernati oħra involuti fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK.

Or. en

Emenda 434
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li l-bdiewa jibbilanċjaw id-dmirijiet professjonali mar-responsabbiltajiet personali u familjari, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi pprovdut appoġġ għal servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jiffaċilitaw is-sostituzzjoni tal-bdiewa waqt liv minħabba mard, għat-trobbija tat-tfal, għall-vaganzi jew għal meta jkunu qed jieħdu sehem f'taħriġ. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' dawn is-servizzi kif ukoll il-pagi għall-ħaddiema temporanji li jissostitwixxu lill-bidwi.	(13) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li l-bdiewa jibbilanċjaw id-dmirijiet professjonali mar-responsabbiltajiet personali u familjari, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi pprovdut appoġġ għal servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jiffaċilitaw is-sostituzzjoni tal-bdiewa waqt liv minħabba mard, għat-trobbija tat-tfal, għall-vaganzi jew għal meta jkunu qed jieħdu sehem f'taħriġ. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' dawn is-servizzi kif ukoll il-pagi għall-ħaddiema temporanji li jissostitwixxu lill-bidwi. ***Sabiex tiġi ffaċilitata aktar il-parteċipazzjoni tal-impjegati fit-taħriġ u fl-apprendiment tul il-ħajja, tali servizzi jenħtieġ li jappoġġaw lill-ħaddiema tal-azjendi agrikoli inkluż permezz ta' pagamenti kontinwi tal-pagi għad-durata tal-miżuri ta' taħriġ u edukazzjoni.***

Or. en

Emenda 435
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Recital 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li l-bdiewa ***jibbilanċjaw id-dmirijiet*** professjonali mar-responsabbiltajiet personali u familjari, jenħtieġ li jkun ***possibbli li jiġi pprovdut*** appoġġ għal servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jiffaċilitaw ***is-sostituzzjoni tal-bdiewa*** waqt liv ***minħabba mard, għat-trobbija tat-tfal***, ***għall-vaganzi*** jew ***għal meta jkunu qed jieħdu sehem f'taħriġ***. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi appoġġat*** l-istabbiliment ta' ***dawn is-servizzi kif ukoll il-pagi għall-ħaddiema temporanji li jissostitwixxu lill-bidwi***.	(13) Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li l-bdiewa ***jirrikonċiljaw l-attivitajiet*** professjonali ***tagħhom*** mar-responsabbiltajiet personali u familjari ***tagħhom***, jenħtieġ li jkun ***disponibbli*** appoġġ għal servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli li jiffaċilitaw ***il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, b'mod partikolari għall-bdiewa nisa u għall-indokraturi primarji, billi jipprovdu sostituzzjoni temporanja*** waqt ***perjodi ta' mard,*** liv ***tal-ġenituri***, ***vaganzi*** jew ***taħriġ, kif ukoll jappoġġaw*** l-istabbiliment ta' ***tali servizzi u r-remunerazzjoni ta' ħaddiema ta' sostituzzjoni temporanja***. ***L-Istati Membri huma mħeġġa jippromwovu servizzi ta' għajnuna interġenerazzjonali għall-azjendi agrikoli permezz tal-integrazzjoni tal-istudenti billi jintużaw internships u kollokamenti prattiċi***.

Or. en

Emenda 436
Jérémy Decerle, Laurence Farreng, Stéphanie Yon-Courtin, Grégory Allione, Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) L-isfidi li qed jiffaċċjaw il-bdiewa – bħall-adattament għat-tibdil fil-klima, l-iżgurar tal-introjtu, id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni, iż-żamma tat-trobbija sostenibbli tal-bhejjem u l-iżgurar tat-tiġdid ġenerazzjonali – spiss jiġu indirizzati l-aħjar fil-livell reġjonali jew territorjali: Il-partijiet ikkonċernati ekonomiċi fit-territorji jenħtieġ li jkunu jistgħu jaħdmu flimkien biex iwettqu valutazzjonijiet dettaljati tal-ħtiġijiet u l-objettivi strateġiċi tagħhom, b'enfasi partikolari fuq is-setturi agrikoli li

jirrikjedu aktar żvilupp jew appoġġ imsaħħaħ. Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tista' għalhekk tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-miżuri u l-għodod previsti fir-regolament – bħal miżuri ta' tranżizzjoni, investimenti jew il-pakkett tal-bidu – biex twieġeb b'mod effettiv għal dawn id-diversi sfidi; l-adattament u t-trasformazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni għalhekk ikunu organizzati aħjar u joffru lill-bdiewa viżibbiltà kif ukoll sigurtà ekonomika matul il-proċess ta' tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 437
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-LEADER sar wieħed mill-aktar strumenti ta' suċċess tal-Politika Agrikola Komuni għat-trawwim tal-iżvilupp territorjali integrat, l-innovazzjoni lokali, l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fiż-żoni rurali. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-approċċ minn isfel għal fuq u jiġi ppreżervat il-valur miżjud Ewropew tiegħu, l-Istati Membri jenħtieġ li jirriżervaw mill-inqas 5 % tal-ammont totali ddedikat għall-iżvilupp rurali stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament [PSNR] għal-LEADER. Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista

qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.

Or. en

Emenda 438
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) It-tiġdid ġenerazzjonali huwa waħda mill-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-agrikoltura Ewropea, f'kuntest ta' komunità agrikola li qed tixjieħ u diffikultajiet għall-parteċipanti ġodda biex jaċċessaw l-art, il-kapital u l-introjtu. Politika agrikola sostenibbli trid tappoġġa l-bidu tal-bdiewa żgħażagħ u tħeġġeġ is-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli sabiex jiġu ggarantiti l-kontinwità tal-produzzjoni agrikola u l-vitalità taż-żoni rurali.

Or. fr

Emenda 439
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Jenħtieġ li l-isfidi tas-saħħa mentali li jaffettwaw lill-bdiewa u lill-ħaddiema agrikoli jiġu rikonoxxuti wkoll, u jenħtieġ li l-appoġġ skont il-PAK jikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni u għall-faċilitazzjoni tal-aċċess għas-servizzi rilevanti.

Or. el

Emenda 440
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Il-Kummissjoni Ewropea qed toħloq osservatorju Ewropew tar-riskju klimatiku fl-agrikoltura biex tiġbor, tanalizza u tikkondividi data dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-azjendi agrikoli u biex tiżviluppa għodod komuni għat-tbassir u għall-ġestjoni tar-riskju.

Or. el

Emenda 441
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Is-saħħa mentali tal-bdiewa tikkostitwixxi problema li qed tikber f'bosta Stati Membri, minħabba diffikultajiet ekonomiċi maħluqa mill-Unjoni Ewropea.

Or. fr

Emenda 442
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li	(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li

jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR ***lill-iskemi*** ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, ***lill-katina*** tal-provvista ***qasira u lill-iżvilupp tas-suq*** lokali.	jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR ***għall-iskemi*** ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, ***għall-iżvilupp ta' ktajjen*** tal-provvista ***qosra, għall-ipproċessar*** lokali***, għall-bejgħ dirett, għall-kummerċ agrikolu bl-imnut, għall-attivitajiet marġinali, lokali u ristretti u għall-iżvilupp ta' swieq lokali tal-ikel***. ***Jenħtieġ li dawn il-miżuri jgħinu biex jiżdied il-valur miżjud miżmum mill-azjendi agrikoli, tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel lokali u jiġu żviluppati ż-żoni rurali. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' kooperattivi tal-produzzjoni agrikola, kooperattivi agrikoli u organizzazzjonijiet tal-produtturi li jippermettu investimenti konġunti, l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' pproċessar u ta' ħżin u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-produzzjoni u li jsaħħu l-pożizzjoni tal-produtturi agrikoli fil-katina tal-provvista tal-ikel, u b'hekk jgħinu biex l-azjendi agrikoli jsiru aktar kompetittivi.***
	Or. pl

Emenda 443
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER**.** Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.	(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER ***li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali u jiġu promossi l-gruppi ta' azzjoni lokali permezz tat-tishiħ tal-approċċi tas-CLLD, li huma kruċjali fil-bini ta' rabtiet rurali-urbani aktar b'saħħithom;*** Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-

attivitajiet ta’ promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali ***li huma kritiċi fil-promozzjoni ta’ żoni rurali attraenti, prosperi, reżiljenti u interkonnessi billi jiġu appoġġati inizjattivi li jiġġeneraw valur miżjud lokali, jistimulaw l-intraprenditorija, irawmu l-innovazzjoni u jsaħħu n-nisġa ekonomika u soċjali tat-territorji, li kollha huma essenzjali biex jinżamm u jiġi attirat il-kapital uman, speċjalment iż-żgħażagħ u n-nisa, li jikkontribwixxu għall-bilanċ demografiku u territorjali, u t-tiġdid ġenerazzjonali***.

Or. en

Emenda 444
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ***li jiġi appoġġat il-LEADER***. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta’ kwalità u l-attivitajiet ta’ promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.	(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ***livell stabbli u suffiċjenti ta’ appoġġ għal-LEADER, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tiegħu fl-innovazzjoni territorjali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-atturi lokali. L-appoġġ għal-LEADER għandu jkun obbligatorju għall-Istati Membri kollha, b’allokazzjoni finanzjarja minima ta’ mill-inqas 5 % tal-ammont totali ddedikat għall-iżvilupp rurali, filwaqt li tiżgura l-kontinwità u l-kopertura territorjali fiż-żoni rurali kollha***. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta’ kwalità u l-attivitajiet ta’ promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.

Or. en

Emenda 445
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont ***il-Pjanijiet SNR*** lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.	(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddedikaw enfasi partikolari fuq iż-żoni remoti u dawk żvantaġġati affettwati mit-tnaqqis fil-popolazzjoni u l-forniment ta' servizzi aktar limitat, bħar-reġjuni ultraperiferiċi.*** Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont ***il-PAK*** lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.

Or. pt

Emenda 446
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.	(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. ***Jenħtieġ li r-riżorsi finanzjarji tal-LEADER ikunu bbażati fuq l-ammonti allokati għall-perjodu ta' finanzjament tal-2021-2027.*** Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira

u lill-iżvilupp tas-suq lokali.

Or. de

Emenda 447
Gabriella Gerzsenyi

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***jiġi appoġġat il-LEADER***. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.	(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***l-LEADER huwa strateġija tal-iżvilupp lokali bbażata fuq il-post u implimentata kif xieraq mill-Istati Membri u mill-Gruppi ta' Azzjoni Lokali***. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.

Or. en

Emenda 448
Barry Cowen, Asger Christensen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali***.	(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER ***b'mod adegwat***. ***Mill-inqas 5 % tal-kontribuzzjoni totali għall-iżvilupp rurali jenħtieġ li tiġi delimitata għal-LEADER***.

Or. en

Emenda 449
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali ***u*** diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.	(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali***,*** diġitali ***u għall-benesseri tal-annimali*** fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.

Or. en

Emenda 450
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. Jenħtieġ li ***jkun possibbli li jingħata*** appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.	(14) Sabiex titrawwem tranżizzjoni soċjali, ekonomika, ambjentali u diġitali fiż-żoni rurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġi appoġġat il-LEADER. ***Għalhekk,*** jenħtieġ li ***l-Istati Membri jagħtu*** appoġġ skont il-Pjanijiet SNR lill-iskemi ta' kwalità u l-attivitajiet ta' promozzjoni, lill-katina tal-provvista qasira u lill-iżvilupp tas-suq lokali.

Or. en

Emenda 451
Emmanouil Fragkos, Chiara Gemma

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) L-agrikoltura u l-produzzjoni agroalimentari Ewropej huma parti integrali mill-wirt kulturali u l-wirt kulturali intanġibbli tal-Unjoni. Is-salvagwardja tal-materja prima tradizzjonali, tal-varjetajiet lokali u tal-metodi ta' produzzjoni tradizzjonali tikkontribwixxi mhux biss għall-iżvilupp ekonomiku taż-żoni rurali, iżda wkoll għall-preżervazzjoni tal-identità Ewropea. L-ispeċjalitajiet emblematiċi tat-tradizzjoni gastronomika Ewropea, bħal macarons, kannoli u baklava, huma eżempji sinifikanti ta' beni kulturali li l-oriġini storika jew l-identità kulturali tagħhom hija assoċjata ma' talbiet transfruntieri jew tilwim kulturali usa' minn pajjiżi terzi u tradizzjonijiet mhux tal-UE. Il-politika agrikola komuni għandha għalhekk tikkontribwixxi wkoll għas-salvagwardja tal-wirt gastronomiku tal-Ewropa billi tappoġġa l-prodotti tradizzjonali, il-produtturi lokali u l-ktajjen agroalimentari li jiżguraw it-trażmissjoni tagħhom lill-ġenerazzjonijiet futuri.

Or. it

Emenda 452
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(14a) Il-produzzjoni agrikola Ewropea hija strutturalment u parzjalment ibbażata fuq ix-xogħol ta' miljuni ta' ħaddiema migranti u staġjonali, li l-kundizzjonijiet tax-xogħol, tal-akkomodazzjoni u tal-protezzjoni soċjali tagħhom għadhom ma humiex dinjitużi f'ħafna Stati Membri, b'livell stmat ta' xogħol mhux iddikjarat jew mhux iddikjarat biżżejjed fis-settur agrikolu fil-livell tal-Unjoni ta' madwar 32 %. Għalhekk huwa neċessarju li l-kundizzjonalità soċjali prevista fl-Anness I il-Parti B tar-Regolament dwar il-PAK tkun applikabbli bis-sħiħ għal dawn il-ħaddiema u akkumpanjata minn mekkaniżmi ta' kontroll effettivi, imwettqa f'koordinazzjoni mas-servizzi tal-ispettorati tax-xogħol, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tat-trade unions. Hemm ħtieġa urġenti li r-rekwiżiti tal-kundizzjonalità soċjali jiġu allinjati mal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv;

Or. fr

Emenda 453
Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) L-agrikoltura tal-Unjoni u l-produzzjoni agroalimentari huma parti integrali mill-wirt kulturali u intanġibbli tal-Ewropa. Jenħtieġ li l-PAK tikkontribwixxi għall-preżervazzjoni ta' materja prima tradizzjonali, ta' varjetajiet lokali, ta' razez indiġeni, ta' metodi ta' produzzjoni tradizzjonali u ta' prodotti agroalimentari marbuta mal-identità storika u kulturali tal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ta' skemi ta'

kwalità, ktajjen tal-provvista qosra, swieq lokali u attivitajiet promozzjonali.

Or. el

Emenda 454
Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Meta titqies l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-għodod għall-ġestjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jassenjaw ċertu perċentwal ta' pagamenti diretti biex jappoġġaw il-kontribuzzjonijiet tal-bdiewa għal għodod bħal dawn.

Or. en

Emenda 455
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) F'konformità mal-ħtieġa li tingħata spinta lill-innovazzjoni u lil prattiki aktar sostenibbli, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (l-"EIP-AGRI", European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability) jenħtieġ li tibqa' għodda ta' politika ewlenija, biex tappoġġa l-innovazzjoni interattiva, filwaqt li ssaħħaħ l-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi bil-ħsieb li jinxterdu soluzzjonijiet lesti għall-prattika[8]. Is-sinerġiji bejn il-PAK u l-Programm	(15) F'konformità mal-ħtieġa li tingħata spinta lill-innovazzjoni u lil prattiki aktar sostenibbli, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (l-"EIP-AGRI", European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability) jenħtieġ li tibqa' għodda ta' politika ewlenija, biex tappoġġa l-innovazzjoni interattiva, filwaqt li ssaħħaħ l-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi bil-ħsieb li jinxterdu soluzzjonijiet lesti għall-prattika. ***Jenħtieġ li din l-għodda tiġi***

Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka (FP10), stabbilit bir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jħeġġu lill-agrikoltura tuża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati mill-FP10 u l-EIP-AGRI, li jwasslu għal innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u tal-bijoekonomija u fiż-żoni rurali.

kkomplementata mill-appoġġ għat-taħriġ, għall-iżvilupp tal-ħiliet u għas-servizzi ta' konsulenza għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti, inkluż fil-qasam tal-forestrija.
Is-sinerġiji bejn il-PAK u l-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka (FP10), stabbilit bir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jħeġġu lill-agrikoltura tuża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati mill-FP10 u l-EIP-AGRI, li jwasslu għal innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u tal-bijoekonomija u fiż-żoni rurali.

---

[8] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà fil-qasam Agrikolu", COM(2012)79 final.

Or. pt

Emenda 456
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) F'konformità mal-ħtieġa li tingħata spinta lill-innovazzjoni u lil prattiki aktar sostenibbli, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (l-"EIP-AGRI", European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability) jenħtieġ li tibqa' għodda ta' politika ewlenija, biex tappoġġa l-innovazzjoni interattiva, filwaqt li ssaħħaħ l-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi bil-ħsieb li jinxterdu soluzzjonijiet lesti għall-prattika[8]. Is-sinerġiji bejn il-PAK u l-Programm	(15) F'konformità mal-ħtieġa li tingħata spinta lill-innovazzjoni u lil prattiki aktar sostenibbli, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (l-"EIP-AGRI", European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability) jenħtieġ li tibqa' għodda ta' politika ewlenija, biex tappoġġa l-innovazzjoni interattiva, filwaqt li ssaħħaħ l-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi bil-ħsieb li jinxterdu soluzzjonijiet lesti għall-prattika[8]. Is-sinerġiji bejn il-PAK u l-Programm

Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka (FP10), stabbilit bir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jħeġġu lill-agrikoltura tuża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati mill-FP10 u l-EIP-AGRI, li jwasslu għal innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u tal-bijoekonomija u fiż-żoni rurali.	Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka (FP10), stabbilit bir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jħeġġu lill-agrikoltura tuża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati mill-FP10 u l-EIP-AGRI, li jwasslu għal innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u tal-bijoekonomija u fiż-żoni rurali***, bl-eżiti tar-riċerka jsiru disponibbli għall-bdiewa***.
[8] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà fil-qasam Agrikolu", COM(2012)79 final.	[8] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà fil-qasam Agrikolu", COM(2012)79 final.

Or. ro

Emenda 457
Michal Wiezik, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) F'konformità mal-ħtieġa li tingħata spinta lill-innovazzjoni u lil prattiki aktar sostenibbli, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (l-"EIP-AGRI", European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability) jenħtieġ li tibqa' għodda ta' politika ewlenija, biex tappoġġa l-innovazzjoni interattiva, filwaqt li ssaħħaħ l-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi bil-ħsieb li jinxterdu soluzzjonijiet lesti għall-prattika[8]. Is-sinerġiji bejn il-PAK u l-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka (FP10), stabbilit bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jħeġġu lill-agrikoltura tuża bl-aħjar mod	(15) F'konformità mal-ħtieġa li tingħata spinta lill-innovazzjoni u lil prattiki aktar sostenibbli, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (l-"EIP-AGRI", European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability) jenħtieġ li tibqa' għodda ta' politika ewlenija, biex tappoġġa l-innovazzjoni interattiva, ***l-involviment attiv tal-bdiewa,*** filwaqt li ssaħħaħ l-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi bil-ħsieb li jinxterdu soluzzjonijiet lesti għall-prattika[8]. Is-sinerġiji bejn il-PAK u l-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka (FP10), stabbilit bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jħeġġu

ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati mill-FP10 u l-EIP-AGRI, li jwasslu għal innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u tal-bijoekonomija u fiż-żoni rurali.

[8] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà fil-qasam Agrikolu", COM(2012)79 final.

lill-agrikoltura tuża bl-aħjar mod ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati mill-FP10 u l-EIP-AGRI, li jwasslu għal innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja u tal-bijoekonomija u fiż-żoni rurali.

[8] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà fil-qasam Agrikolu", COM(2012)79 final.

Or. en

Emenda 458
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Bħala element ta' strateġija ta' diversifikazzjoni huwa importanti li tiġi kkonfermata l-legalità tal-kultivazzjoni, tal-ħsad, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-pjanta tal-qanneb kollha għal skopijiet industrijali awtorizzati madwar l-UE sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali għall-bdiewa, għall-proċessuri, għar-regolaturi u għall-konsumaturi; il-kultivazzjoni tal-qanneb tirrikjedi relattivament ftit inputs, speċjalment fertilizzanti, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u ilma; hija tikkontribwixxi wkoll għas-saħħa tal-ħamrija u tal-bijodiversità, toffri opportunitajiet ekonomiċi ġodda, introjtu addizzjonali u innovazzjoni għaż-żoni rurali permezz tal-provvista ta' materja prima għal applikazzjonijiet industrijali bħall-fibra tat-tessuti, u użi oħra bħas-

saħħa, l-ikel u l-għalf; jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu komuni għall-UE kollha ta' 0,5 % THC għall-klassifikazzjoni legali tal-qanneb industrijali, li jiżgura l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-QĠUE u d-dritt internazzjonali.

Or. en

Emenda 459
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, qed tistabbilixxi strateġija Ewropea għall-ilma fl-agrikoltura bil-għan li tiżgura l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma, tadatta għat-tibdil fil-klima u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-produzzjoni agrikola. Għandha tiżgura li mill-inqas 20 % tar-riżorsi ta' investiment għall-agrikoltura jiġu allokati għal proġetti għall-iffrankar tal-ilma u l-PAK għandha tappoġġa l-kostruzzjoni ta' proġetti għall-ħżin tal-ilma, soġġett għall-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. L-Istati Membri jagħtu prijorità lill-investimenti li jnaqqsu t-telf tal-ilma f'networks ta' irrigazzjoni eżistenti u jżidu l-effiċjenza tal-użu tal-ilma għal kull unità ta' produzzjoni.

Or. el

Emenda 460
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Minħabba l-importanza strateġika tas-settur agroalimentari għall-awtonomija strateġika miftuħa u r-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni, il-Fond għall-Kompetittività tal-UE (FEK) irid jirrifletti l-piż finanzjarju u strutturali tas-settur. B'mod partikolari, jenħtieġ li tiġi stabbilita dimensjoni agrikola b'saħħitha, distinta u viżibbli ħafna fi ħdan it-tieqa "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" tal-FEK. Sabiex tiġi pprevenuta d-dilwizzjoni tal-prijoritajiet agrikoli fost is-setturi li jikkompetu, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti pakketti finanzjarji ddedikati għall-agrikoltura f'din it-tieqa u li jiġi ggarantit aċċess effettiv u simplifikat għall-investiment u l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-bdiewa u l-operaturi agroalimentari.

Or. en

Emenda 461
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) L-użu ta' teknoloġiji innovattivi bħall-agrikoltura ta' preċiżjoni, l-għodod diġitali avvanzati u l-analiżi tad-data jistgħu jikkontribwixxu biex tittejjeb l-effettività tal-użu tal-inputs agrikoli, jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-produzzjoni u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur agrikolu Ewropew.

Or. fr

Emenda 462
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) Jenħtieġ li l-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni jiġi rriżervat għall-appoġġ għall-agrikoltura tal-art, min irabbi l-bhejjem, l-azjendi agrikoli, ir-reġjuni ultraperiferiċi (RUP) u ż-żoni rurali. Jenħtieġ li dan il-finanzjament ma jservix biex jiffinanzja jew jippromwovi l-proteini artifiċjali prodotti f'laboratorju, inkluż il-laħam ibbażat fuq ċelloli, li ma jikkostitwux tweġiba xierqa għall-isfidi agrikoli, ambjentali u tal-ikel tal-Unjoni u li, għall-kuntrarju, jirriskjaw li jaċċelleraw it-tnaqqis fis-setturi tat-trobbija Ewropej.

Or. fr

Emenda 463
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) Il-Kummissjoni tippromwovi l-użu ta' applikazzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali għal ġestjoni mtejba tal-azjendi agrikoli, tbassir tar-riskju, protezzjoni tal-pjanti, irrigazzjoni u piż amministrattiv imnaqqas.

Or. el

Emenda 464
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) It-tisħiħ tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi pubbliċi ta' informazzjoni dwar l-agrikoltura fil-livell nazzjonali jista' jġib benefiċċji sinifikanti, inkluż tnaqqis fil-piż tal-ġbir tad-data, effiċjenza mtejba, u monitoraġġ imsaħħaħ tal-politika. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw il-prinċipju "iġbor darba, uża diversi drabi" ħalli jitnaqqas il-piż tar-rapportar. Id-dežinjazzjoni ta' awtorità unika biex tikkoordina l-isforzi tal-interoperabbiltà u l-investiment f'IDs uniċi tal-azjendi agrikoli, il-Kartiera tal-UE tal-Identità Diġitali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], u l-infrastruttura tal-kondiviżjoni tad-data jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv, jissimplifikaw l-obbligi tar-rapportar, u jagħtu s-setgħa lill-bdiewa fil-katina tal-valur tad-data, u fl-aħħar mill-aħħar jappoġġaw l-għanijiet tal-PAK.	(16) It-tisħiħ tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi pubbliċi ta' informazzjoni dwar l-agrikoltura fil-livell nazzjonali jista' jġib benefiċċji sinifikanti, inkluż tnaqqis fil-piż tal-ġbir tad-data, effiċjenza mtejba, u monitoraġġ imsaħħaħ tal-politika. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw il-prinċipju "iġbor darba, uża diversi drabi" ħalli jitnaqqas il-piż tar-rapportar. Id-dežinjazzjoni ta' awtorità unika biex tikkoordina l-isforzi tal-interoperabbiltà u l-investiment f'IDs uniċi tal-azjendi agrikoli, il-Kartiera tal-UE tal-Identità Diġitali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], u l-infrastruttura tal-kondiviżjoni tad-data jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv, jissimplifikaw l-obbligi tar-rapportar, u jagħtu s-setgħa lill-bdiewa fil-katina tal-valur tad-data, u fl-aħħar mill-aħħar jappoġġaw l-għanijiet tal-PAK. ***Biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv għall-bdiewa, jenħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw kontrolli b'mod koordinat u jiżguraw li, kull meta jkun possibbli, il-benefiċjarji jkunu soġġetti għal mhux aktar minn spezzjoni waħda fuq il-post għal kull sena kalendarja fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-kontrolli mwettqa f'każijiet ta' suspett ta' frodi jew nuqqas serju ta' konformità.***
[9] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73–114) ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.	[9] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73–114) ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.

Emenda 465
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) It-tisħiħ tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi pubbliċi ta' informazzjoni dwar l-agrikoltura fil-livell nazzjonali jista' jġib benefiċċji sinifikanti, inkluż tnaqqis fil-piż tal-ġbir tad-data, effiċjenza mtejba, u monitoraġġ imsaħħaħ tal-politika. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw il-prinċipju "iġbor darba, uża diversi drabi" ħalli jitnaqqas il-piż tar-rapportar. Id-dežinjazzjoni ta' awtorità unika biex tikkoordina l-isforzi tal-interoperabbiltà u l-investiment f'IDs uniċi tal-azjendi agrikoli, il-Kartiera tal-UE tal-Identità Diġitali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], u l-infrastruttura tal-kondiviżjoni tad-data jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv, jissimplifikaw l-obbligi tar-rapportar, u jagħtu s-setgħa lill-bdiewa fil-katina tal-valur tad-data, u fl-aħħar mill-aħħar jappoġġaw l-għanijiet tal-PAK.	(16) It-tisħiħ tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi pubbliċi ta' informazzjoni dwar l-agrikoltura fil-livell nazzjonali jista' jġib benefiċċji sinifikanti, inkluż tnaqqis fil-piż tal-ġbir tad-data, effiċjenza mtejba, u monitoraġġ imsaħħaħ tal-politika. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw il-prinċipju "iġbor darba, uża diversi drabi" ***u li jnaqqsu l-għadd ta' obbligi ta' rappurtar u ta' kontroll billi jgħaddu għal proċessi amministrattivi kompletament diġitali*** ħalli jitnaqqas il-piż tar-rapportar. Id-dežinjazzjoni ta' awtorità unika biex tikkoordina l-isforzi tal-interoperabbiltà u l-investiment f'IDs uniċi tal-azjendi agrikoli, il-Kartiera tal-UE tal-Identità Diġitali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], u l-infrastruttura tal-kondiviżjoni tad-data jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv, jissimplifikaw l-obbligi tar-rapportar, u jagħtu s-setgħa lill-bdiewa fil-katina tal-valur tad-data, u fl-aħħar mill-aħħar jappoġġaw l-għanijiet tal-PAK.
[9] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73–114) ELI : http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.	[9] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73–114) ELI : http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.

Or. pl

Emenda 466
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) It-tisħiħ tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi pubbliċi ta' informazzjoni dwar l-agrikoltura fil-livell nazzjonali jista' jġib benefiċċji sinifikanti, inkluż tnaqqis fil-piż tal-ġbir tad-data, effiċjenza mtejba, u monitoraġġ imsaħħaħ tal-politika. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw il-prinċipju "iġbor darba, uża diversi drabi" ħalli jitnaqqas il-piż tar-rapportar. Id-dežinjazzjoni ta' awtorità unika biex tikkoordina l-isforzi tal-interoperabbiltà u l-investiment f'IDs uniċi tal-azjendi agrikoli, ***il-Kartiera tal-UE tal-Identità Diġitali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9],*** u l-infrastruttura tal-kondiviżjoni tad-data jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv, jissimplifikaw l-obbligi tar-rapportar, u jagħtu s-setgħa lill-bdiewa fil-katina tal-valur tad-data, u fl-aħħar mill-aħħar jappoġġaw l-għanijiet tal-PAK.	(16) It-tisħiħ tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi pubbliċi ta' informazzjoni dwar l-agrikoltura fil-livell nazzjonali jista' jġib benefiċċji sinifikanti, inkluż tnaqqis fil-piż tal-ġbir tad-data, effiċjenza mtejba, u monitoraġġ imsaħħaħ tal-politika. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw il-prinċipju "iġbor darba, uża diversi drabi" ħalli jitnaqqas il-piż tar-rapportar. Id-dežinjazzjoni ta' awtorità unika biex tikkoordina l-isforzi tal-interoperabbiltà u l-investiment f'IDs uniċi tal-azjendi agrikoli, u l-infrastruttura tal-kondiviżjoni tad-data jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv, jissimplifikaw l-obbligi tar-rapportar, u jagħtu s-setgħa lill-bdiewa fil-katina tal-valur tad-data, u fl-aħħar mill-aħħar jappoġġaw l-għanijiet tal-PAK.

[9] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73–114) ELI : http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj.

Or. en

Emenda 467

Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau, Manon Aubry

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Fis-seduta pubblika tiegħu quddiem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Parlament Ewropew fis-16 ta' Jannar 2025, il-Kummissarju Ewropew għall-Kummerċ, Maroš Šefčovič, qal: "Se noħolqu riżerva ġdida ta' mill-inqas EUR 1 biljun biex nikkumpensaw lis-settur agrikolu Ewropew jekk jiġi affettwat b'mod negattiv mill-implimentazzjoni tal-Ftehim" ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mercosur. Dan l-impenn pubbliku jirrikonoxxi b'mod espliċitu mill-Kummissjoni nnifisha r-realtà u l-prevedibbiltà tal-ħsara li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ qed tikkawża lill-bdiewa Ewropej. F'konformità ma' dan l-impenn, huwa importanti li jinħoloq fond ta' kumpens dedikat, iffinanzjat fuq bażi permanenti u mhux bħala sussidjarju għall-pagamenti diretti, biex jivvaluta u jirrimedja l-effetti individwali u kumulattivi ta' ftehimiet kummerċjali preferenzjali suċċessivi konklużi mill-Unjoni, u biex jislet il-konsegwenzi baġitarji kollha neċessarji.

Or. fr

Emenda 468
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(16a) Id-data personali miġbura għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' kwalunkwe**

dispożizzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi pproċessata b'mod li huwa kompatibbli ma' dawk il-finijiet. Jenħtieġ li din ssir anonima meta tiġi pproċessata għall-finijiet ta' monitoraġġ jew evalwazzjoni, u tkun protetta f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2a]. Is-suġġetti tad-data jenħtieġ li jiġu infurmati dwar tali pproċessar u dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-protezzjoni tad-data.

[1a] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[2a] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE EC (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Or. en

Emenda 469
Wouter Beke, Pascal Arimont

Proposta għal regolament

Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Ir-rekwiżiti amministrattivi għall-bdiewa relatati mal-applikazzjonijiet għall-appoġġ, mal-applikazzjonijiet għall-pagament, mal-informazzjoni u mad-dokumenti ta' appoġġ, u mal-kontrolli jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-ammont ta' appoġġ ikkonċernat u limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà u tiġi vverifikata l-konformità mal-kundizzjonijiet applikabbli. Jenħtieġ li l-proċeduri amministrattivi jitfasslu b'mod sempliċi, konċiż u faċli għall-utent, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 470
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Il-proċeduri amministrattivi kollha tal-Politika Agrikola Komuni għandhom ikunu kompletament diġitalizzati sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni, bil-bdiewa li jkollhom punt uniku ta' aċċess għas-servizzi kollha permezz ta' pjattaforma diġitali.

Or. el

Emenda 471
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau, Manon Aubry

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Il-multiplikazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles konklużi jew li qed jiġu ffinalizzati mill-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari mal-Messiku, il-Korea t'Isfel, il-Kolombja, il-Perù, l-Ekwador, il-Kanada, il-Ġappun, Singapore, il-Vjetnam, ir-Renju Unit, New Zealand, iċ-Ċilì, il-Kenja, l-Indoneżja, il-Mercosur, l-Indja, l-Awstralja u l-Istati Uniti skont il-Ftehim ta' "Turnberry") tesponi lill-agrikoltura Ewropea għal kompetizzjoni minn pajjiżi terzi li ma jikkonformawx mal-istandards soċjali, tas-saħħa u ambjentali applikabbli fl-Unjoni, u b'hekk toħloq il-kundizzjonijiet għal dumping strutturali inkompatibbli mal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Din id-dinamika tiffavorixxi l-konċentrazzjoni ta' strutturi agrikoli għad-detriment ta' azjendi agrikoli tal-familja żgħar u ta' daqs medju u mudelli agroekoloġiċi, u għandha t-tendenza li tagħmel il-Politika Agrikola Komuni dipendenti fuq loġika ta' kompetittività tal-esportazzjoni għad-detriment tas-sovranità tal-ikel tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li l-istrumenti ta' appoġġ li jipprevedi jikkontribwixxu għaż-żamma ta' mudelli agrikoli nutrittivi, diversifikati u soċjalment sostenibbli, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-iżgurar ta' introjtu ġust għall-komunità agrikola u l-garanzija tas-sigurtà tal-provvisti.

Or. fr

Emenda 472
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Premessa 16c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16c) L-adeżjoni possibbli tal-Ukrajna mal-Unjoni Ewropea tqajjem sfidi kbar għall-Politika Agrikola Komuni minħabba l-iskala tal-potenzjal agrikolu tagħha, l-erja agrikola utilizzata, l-istrutturi tal-produzzjoni u l-implikazzjonijiet baġitarji tagħha; billi, fin-nuqqas ta' salvagwardji xierqa, tali adeżjoni tista' tipperikola l-bilanċ tal-Politika Agrikola Komuni, iżżid il-pressjoni fuq l-introjtu tal-bdiewa u fuq id-distribuzzjoni tal-għajnuna, u ddgħajjef il-kapaċità li din il-politika li tilħaq l-objettivi tagħha; billi huwa għalhekk meħtieġ li titwettaq evalwazzjoni bir-reqqa ta' dawn il-konsegwenzi qabel ma jittieħdu passi ulterjuri fil-proċess tat-tkabbir.

Or. fr

Emenda 473
Emmanouil Kefalogiannis, Michalis Hadjipantela, Daniel Buda, Céline Imart, Carmen Crespo Díaz, Paulo do Nascimento Cabral, Marion Walsmann, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Loucas Fourlas, Peter Agius

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Billi, skont il-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru għall-Att tal-Adeżjoni tal-2003, l-applikazzjoni tal-acquis tal-Unjoni hija sospiża f'dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv; billi, għal għexieren ta' snin, iċ-ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru li għandhom titoli ta' proprjetà rikonoxxuti legalment skont il-liġi tar-Repubblika ta' Ċipru ma tħallewx jaċċessaw, jużaw u jidderivaw introjtu mill-art agrikola tagħhom, bħala

riżultat tal-okkupazzjoni kontinwa tat-Turkija; billi din is-sitwazzjoni wasslet għal żvantaġġi soċjoekonomiċi dejjiema, inklużi opportunitajiet imnaqqsa għall-introjtu relatat mal-agrikoltura kif ukoll telf ekonomiku interġenerazzjonali; billi xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat li jimplika r-rikonoxximent jew l-għoti ta' kwalunkwe dritt jew benefiċċju lil kwalunkwe awtorità, entità jew persuna li teżerċita kontroll effettiv f'dawk l-oqsma, u lanqas li jimmodifika l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni kif determinat mill-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru għall-Att ta' Adeżjoni tal-2003; il-Kummissjoni hija mistiedna tikkunsidra l-istabbiliment ta' mekkaniżmi finanzjarji addizzjonali, speċifiċi u mmirati, biex tindirizza l-iżvantaġġi li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ta' hawn fuq, għas-sidien legali li jistgħu juru titolu legali u l-impossibbiltà oġġettiva li jaċċessaw u jużaw dik l-art.

Or. el

Emenda 474
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Il-Kummissjoni qed tistabbilixxi indiċi Ewropew tar-reżiljenza tal-azjendi agrikoli, li jivvaluta s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tal-interventi tal-Politika Agrikola Komuni. Fl-istess ħin, qed toħloq osservatorju Ewropew tal-kostijiet agrikoli biex jimmonitorja l-iżvilupp tal-kostijiet tal-enerġija, tal-fertilizzanti, tal-għalf, tal-fjuwil, tal-ilma u ta' inputs ewlenin oħra, filwaqt li jippubblika rapporti trimestrali mill-Istat Membru. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-

Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, l-awtosuffiċjenza tal-prodotti bażiċi, ir-riskji strateġiċi u r-reżiljenza tal-agrikoltura Ewropea.

Or. el

Emenda 475
Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) L-ekonomija agrikola tal-gżejjer minuri tal-Eġew hija kkaratterizzata minn produzzjoni frammentata, ekonomiji ta' skala limitati u kostijiet sinifikanti tat-trasport bejn il-gżejjer, li jkomplu jżidu l-kost tal-inputs agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti lokali. Għalhekk, il-miżuri ta' appoġġ jenħtieġ li jqisu dawn il-karatteristiċi territorjali speċifiċi sabiex itejbu l-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ekonomika tal-agrikoltura tal-gżejjer. Tali miżuri huma indispensabbli biex tinżamm l-attività agrikola, tiġi żgurata l-provvista ta' ikel sikur u ta' kwalità, jiġu ppreżervati l-prodotti tradizzjonali u l-metodi ta' produzzjoni, jiġu pprevenuti l-abbandun tal-art u d-depopolazzjoni, u jissaħħu r-reżiljenza u l-importanza strateġika tal-gżejjer minuri tal-Eġew għas-sigurtà tal-ikel u l-koeżjoni territorjali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 476
Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) L-Istati Membri li jipproduċu l-qoton għandhom jappoġġaw investimenti li jippromwovu l-kultivazzjoni sostenibbli tal-qoton permezz ta' agrikoltura ta' preċiżjoni, irrigazzjoni effiċjenti fl-użu tal-ilma, ġestjoni integrata tal-pesti, varjetajiet taż-żrieragħ imtejba u metodi ta' produzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li jissalvagwardjaw il-kompetittività tas-settur tal-qoton tal-Unjoni u jżommu ktajjen tal-valur strateġiċi tat-tessuti fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 477
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Ċertu mard tal-bniedem, tal-annimali u tal-ambjent jikkostitwixxi "mard ekoloġiku", jiġifieri ħsara għas-saħħa direttament attribwibbli, mhux għal għażla individwali tal-bdiewa, iżda għal mudell agrikolu intensiv li fih il-bdiewa kienu strutturalment limitati għal għexieren ta' snin tal-Politika Agrikola Komuni li, permezz tal-mekkaniżmi ta' appoġġ tagħha, iddirezzjonat l-għażliet ta' produzzjoni lejn l-użu massiv ta' inputs sintetiċi. Il-bdiewa huma l-ewwel vittmi ta' dan il-mudell, esposti fuq quddiem nett għall-konsegwenzi tiegħu fuq is-saħħa, flimkien mal-ekosistemi, ir-residenti lokali u l-konsumaturi. Għalhekk huwa f'idejn il-Politika Agrikola Komuni, li għenet fit-tiswir ta' dan il-mudell, li tieħu r-responsabbiltà għat-trasformazzjoni tiegħu u għat-tiswija tal-konsegwenzi

tiegħu fuq is-saħħa, u mhux biss għall-bdiewa jew għall-politika tas-saħħa pubblika biss.

Or. fr

Emenda 478
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa jenħtieġ li jkompli jkun strument ta' politika essenzjali biex jiġi ggarantit introjtu ġust għall-bdiewa. Dan jikkontribwixxi għat-trawwim ta' settur agrikolu kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli li jsegwi l-benefiċċji ta' produzzjoni ta' kwalità għolja u effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, li jiżgura t-tiġdid ġenerazzjonali u b'hekk is-sigurtà tal-ikel għal perjodu fit-tul u s-sovranità agrikola. L-appoġġ tal-PAK jenħtieġ li jkun iffukat fuq il-bdiewa attivi definiti f'konformità mar-regoli tad-WTO. Bil-ħsieb li tittejjeb aktar il-prestazzjoni tal-PAK, l-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona jenħtieġ li jkun immirat lejn il-bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola produttiva minima filwaqt li ma jipprekludix l-għoti ta' appoġġ lill-bdiewa pluriattivi jew part-time f'konformità mal-kriterji stabbiliti mill-Istati Membri. L-appoġġ għall-introjtu jista' jkun immirat lejn il-bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali, in-nisa, il-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda. Fl-istess ħin, l-iżvilupp ekonomiku rurali, li jiżgura t-titjib fl-infrastruttura u t-trasformazzjoni diġitali li jeliminaw id-disparitajiet reġjonali, ikun ta' benefiċċju għall-attraenza taż-żoni rurali, l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet imtejba ta' impjieg fiż-żoni rurali.

Or. en

(Premessa 21 ġdida - trasferiment mill-PSNR – emenda għall-Premessa 44 mill-PSNR).

Ġustifikazzjoni

Income support remains a key instrument to ensure the economic viability, resilience and competitiveness of the Union agricultural sector and to contribute to long-term food security and agricultural sovereignty. The definition of farmers eligible for support should remain sufficiently flexible to reflect the diversity of agricultural structures and production models across Member States. The reference to "principal activity" should therefore be replaced by a more operational approach based on the exercise of a minimum productive agricultural activity, while allowing Member States to define appropriate criteria in line with their national conditions and existing administrative systems. Such an approach should not exclude pluri-active or part-time farmers, who continue to play an important role in maintaining agricultural activity and rural vitality in many regions of the Union. In addition, cooperatives, producer organisations and associations of producer organisations play an essential role in strengthening farmers' position in the food supply chain, aggregating production, processing agricultural products and supporting investments and innovation. The CAP framework should therefore allow the use of the broader concept of "beneficiary" where relevant for the implementation of CAP interventions.

Emenda 479
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20b) Għad-definizzjoni ta' bidwi/benefiċjarju fil-kuntest tal-PAK b'mod ċar, sempliċi u operazzjonali, il-kriterji li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri jistgħu jinkludu s-sehem tal-introjtu agrikolu fl-introjtu totali, l-inputs lavorattivi fl-azjenda agrikola, l-objettivi tal-kumpanija u l-inklużjoni tal-attivitajiet agrikoli tagħhom fir-reġistri nazzjonali jew reġjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw kriterji addizzjonali, kif ukoll listi negattivi biex jidentifikaw dawk l-applikanti li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' "bidwi/benefiċjarju".

Or. en

Ġustifikazzjoni

NRP Recital 45

- "distinguishing beneficiaries" replaced by "defining a farmer/beneficiary"

- after "CAP" added "in a clear, simple and operational manner,"

- "defining the concept of principal activity should" replaced by "to be established by Member States may"

- after "to use" added "additional criteria, as well as "

- to "farmer" added "/beneficiary"

Justification:

Recital 45 in the NRPP proposal should be amended in such a way as to allow Member States to choose the criteria to define the farmer/beneficiary in a clear, simple and operational manner while keeping the possibility to add additional ones and include a negative list. This should take into account their national conditions and existing systems while protecting the functioning of the internal market.

Emenda 480
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20b) Għad-definizzjoni ta' bidwi/benefiċjarju fil-kuntest tal-PAK b'mod ċar, sempliċi u operazzjonali, il-kriterji li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri jistgħu jinkludu s-sehem tal-introjtu agrikolu fl-introjtu totali, l-inputs lavorattivi fl-azjenda agrikola, l-objettivi tal-kumpanija u l-inklużjoni tal-attivitajiet agrikoli tagħhom fir-reġistri nazzjonali jew reġjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jużaw kriterji addizzjonali, kif ukoll listi negattivi biex jidentifikaw dawk l-applikanti li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' "bidwi/benefiċjarju".

Or. en

(Premessa 22 ġdida - trasferiment mill-PSNR – emenda għall-Premessa 45 mill-PSNR).

Ġustifikazzjoni

Recital 45 in the NRPP proposal should be amended in such a way as to allow Member States to choose the criteria to define the farmer/beneficiary in a clear, simple and operational manner while keeping the possibility to add additional ones and include a negative list. This should take into account their national conditions and existing systems while protecting the functioning of the internal market.

In amending recital 45 and the definition, the concept of "principal activity" should be removed, instead referring to "natural or legal persons or groups of natural or legal persons exercising a minimum productive agricultural activity on their holding(s)" while not precluding the granting of support to pluri-active or part-time farmers in accordance with the criteria established by Member States.

We also propose the deletion of the reference to "small" legal person since the size of the entity should not be relevant for the eligibility for support.

Besides individual farmers, cooperatives, Producer Organisations (POs) and Associations of Producer Organisations (APOs) play an important role in the implementation of several CAP interventions (e.g. interventions in certain sectors, investments, etc.). In this case, the definition governing the CAP interventions should reflect the activities of these structures (aggregating and marketing members' production, providing inputs, processing agricultural products etc.). Consequently, it should be possible to use the concept of "beneficiary" in this specific case as is currently the case.

Emenda 481
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – Suġġett

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Suġġett	Suġġett ***u definizzjonijiet***

Or. fr

Emenda 482
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni ***b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà*** tal-ikel ***tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti***, dan ir-Regolament jistabbilixxi ***kundizzjonijiet*** speċifiċi ***għall-implimentazzjoni*** tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali ***stabbilit*** fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni ***li l-objettiv primarju tagħha huwa s-sovranità*** tal-ikel ***u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa kif ukoll appoġġ effettiv għall-produtturi u għall-vitalità ekonomika tat-territorji***, dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-kundizzjonijiet*** speċifiċi ***tal-implimentazzjoni*** tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK)***,*** f'konformità mal-objettiv ġenerali ***ddefinit*** fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR]. ***L-appoġġ tal-Unjoni jikkontribwixxi wkoll għat-tishih tal-preferenza Ewropea fil-produzzjoni agrikola u l-provvista tal-ikel. Dan jiżgura li l-produtturi tal-Unjoni ma jkunux esposti għal kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li ma jikkonformawx ma' standards ambjentali, tas-saħħa u soċjali u tal-benessri tal-annimali ekwivalenti.***

Or. fr

Emenda 483
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Pär Holmgren, Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti***, u biex jingħata kontribut għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 u miri intermedji dwar il-klima, il-protezzjoni ambjentali u tal-bijodiversità u l-benesseri tal-annimali f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda" u bijoekonomija sostenibbli b'saħħitha, u li jiżgura li l-***

biedja tibqa' attività ekonomika vijabbli u attraenti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 484
Arno Bausemer, Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, ***filwaqt li jiġu ppreżervati n-natura awtonoma tal-PAK, il-baġit agrikolu ddedikat tagħha u l-governanza speċifika għas-settur,*** is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, ***filwaqt li jiġi żgurat li r-riżorsi finanzjarji allokati skont dan ir-Regolament jibqgħu ddedikati bis-sħiħ lill-bdiewa fl-Istati Membri kurrenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2028–2034,*** dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Politika Agrikola Komuni għandha żżomm il-karattru awtonomu tagħha, il-baġit iddedikat u l-governanza speċifika għas-settur sabiex tiżgura l-koerenza tal-politika, iċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà għall-bdiewa. In-natura speċifika tal-agrikoltura tirrikjedi strumenti mfassla apposta li jirrispondu għall-ħtiġijiet partikolari tas-settur agrikolu. L-istabbiltà finanzjarja u

l-prevedibbiltà tal-Politika Agrikola Komuni għandhom jiġu ppreżervati matul il-perjodu ta' programmazzjoni. It-tkabbir futur ma għandux inaqqas l-appoġġ disponibbli għall-bdiewa fl-Istati Membri attwali.

Emenda 485
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) […] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) […] [SNR]***, li għandu jiżgura appoġġ fis-27 Stat Membru kollha sabiex il-politika agrikola komuni tilħaq l-għan tagħha fir-rigward tar-reżiljenza agrikola u s-sigurtà tal-ikel***.

Or. ro

Emenda 486
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni ***b'saħħitha,*** sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK)	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni ***li tibqa' valida fil-futur u tkun*** sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel ***u s-sikurezza alimentari*** tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, ***filwaqt li jiġu protetti l-ħamrija, l-ilma, il-bijodiversità, is-saħħa pubblika, u s-saħħa u l-benesseri tal-annimali tagħna,*** dan ir-

f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 487
Christine Singer, Asger Christensen, Barry Cowen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali ***vibranti***, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha***, kompetittiva***, sostenibbli u reżiljenti, ***biex tissaħħaħ*** is-sigurtà tal-ikel ***u l-istabbiltà tal-introjtu*** tal-Unjoni, ***biex jiġi appoġġat*** it-tiġdid ġenerazzjonali***,*** u ***biex jiġu indirizzati direttament l-agrikoltura, l-azjendi agrikoli u*** ż-żoni rurali, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 488
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni***, li***

ġenerazzjonali u ***ż-żoni*** rurali ***vibranti***, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) […] [SNR].

tiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, il-kompetittività tas-settur agroalimentari Ewropew, it-tiġdid ġenerazzjonali u ***l-iżvilupp taż-żoni*** rurali, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) […] [SNR].

Or. ro

Emenda 489
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR***].***	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, ***kompetittiva,*** sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK)***, b'mod li jżomm il-vijabbiltà ekonomika għall-bdiewa u jnaqqas il-kumplessità amministrattiva*** f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tissaħħaħ l-importanza tal-kompetittività u l-vijabbiltà ekonomika flimkien mal-objettivi tas-sostenibbiltà, filwaqt li tiġi żgurata implimentazzjoni proporzjonali.

Emenda 490
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) ***f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR]***.	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK).

Or. en

Emenda 491
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex ***tiġi żgurata*** Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex ***jiġu żgurati*** Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali***, il-ġlieda kontra l-kriżi klimatika u tal-bijodiversità, il-benessri tal-annimali*** u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. de

Emenda 492
Emma Wiesner, Barry Cowen

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali***, il-prinċipji responsabbli għall-ambjent u għall-benesseri tal-annimali,*** u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 493
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli***, ġusta*** u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali***, kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg ġusti*** u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 494

Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, ***is-sigurtà*** tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, ***is-sovranità*** tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2 ***ta' dan ir-regolament u fl-Artikolu 2***, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 495
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel ***u s-sovranità agrikola*** tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 496

Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali ***u ż-żoni*** rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali***, iż-żoni*** rurali vibranti ***u bijoekonomija prosperuża***, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 497
Stefan Köhler, Marion Walsmann, Norbert Lins, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha***, kompetittiva***, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. en

Emenda 498
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, ***is-sigurtà*** tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, ***is-sovranità*** tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. fr

Emenda 499
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 — paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha***, sostenibbli u reżiljenti***, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti ***u bijoekonomija għanja***, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. es

Emenda 500
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit ***fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR]***.	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit ***f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 501
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) ***f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament*** (UE) ***[…] [SNR]***.	Sabiex tiġi żgurata Politika Agrikola Komuni b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti, is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u ż-żoni rurali vibranti, dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK)***, mingħajr preġudizzju għall-miżuri speċifiċi stabbiliti fir-Regolament*** (UE) ***Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

Or. pt

Emenda 502
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a (ġdid)
	Definizzjonijiet
	1. Bidwi tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li jiġġestixxu azjenda kif definita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-attività agrikola, inklużi l-propagazzjoni, il-kultivazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' stokk tal-mixtliet, materjal tal-pjanti riproduttivi, pjanti ornamentali, siġar tal-frott, dwieli, materjal riproduttiv tal-foresti u pjanti ħajjin oħra maħsuba għat-tħawwil jew għat-trapjantar, definiti mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu bid-dritt nazzjonali, li jimmaniġġjaw azjenda kif definita fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, li l-attività prinċipali tagħhom ma tkunx attività agrikola, jitqiesu bħala bdiewa sakemm ikunu involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola li għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri fil-Pjan tal-PAK tagħhom.
	2. "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;
	2a. "stokk tal-mixtliet" tfisser għelejjel permanenti, materjal riproduttiv tal-pjanti, pjanti ornamentali f'kontenituri mobbli jew fissi, inklużi qsari, trejs, boroż jew sistemi simili ta' kultivazzjoni, siġar tal-frott, dwieli, materjal ortikulturali jew

riproduttiv tal-foresti u pjanti ħajjin oħra maħsuba għat-tħawwil, għat-trapjantar jew għall-propagazzjoni, inklużi nebbieta, siġar ta' ftit żmien, riżomi, pjanti mlaqqma, dwieli, u pjanti żgħar oħra;

3. "attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma: (i) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; fejn prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira; L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-durata ta' "rotazzjoni qasira" tal-imsaġar filwaqt li jitqiesu l-prattiki nazzjonali tal-biedja; (ii) iż-żamma ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; fejn ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3a. "Benefiċjarju" fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-LEADER tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha li hija stabbilita jew topera fiż-żona koperta mill-istrateġija ta' żvilupp lokali rilevanti u li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija, inklużi attivitajiet ta' produzzjoni u propagazzjoni ta' mixtliet, korpi pubbliċi, sħab ekonomiċi u soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u atturi lokali oħra;

4. "żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali u art li fuqha jitkabbru l-għelejjel bl-użu ta' qsari.

5. "ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu: (i) iż-żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk attivitajiet mhux agrikoli jitwettqu wkoll f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti. (ii) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 35(1)(a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjenda agrikola żgħira] ta' dan ir-Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, Subtaqsima 2, [BISS [kollha inklużi l-intitolamenti], skema għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira], tar-Regolament (UE) 2021/2115, fejn l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima (iii) l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'

6. "bidwi żagħżugħ" għandha tiġi definita b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena; (ii) ikun "kap tal-azjenda". Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit taħt l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

7. "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba.

8. "nefqa pubblika" għall-finijiet tal-PAK, tfisser kwalunkwe kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li s-sors tagħha jkun il-baġit tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, il-baġit tal-Unjoni magħmul disponibbli għall-Fond, il-baġit ta' korpi tad-dritt pubbliku jew il-baġit ta' assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi tad-dritt pubbliku;

9. "rata ta' appoġġ" għall-finijiet tal-PAK, tfisser ir-rata tan-nefqa pubblika għal operazzjoni; fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, din tirreferi għall-ekwivalenti ta' għotja gross tal-appoġġ kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (20) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014;

10. "Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni u l-flussi ta' għarfien ikkombinati bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu l-għarfien u l-innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [Ir-Regolament dwar il-PAK].

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + definizzjoni "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4 tal-SNR (3c), (9c), (16)). Dawn l-emendi se jippermettu awtonomija akbar tal-PAK, b'mod partikolari fid-dawl ta' kwalunkwe emenda futura għall-Pjan, u b'hekk jiġi żgurat proċess aktar simplifikat.

Emenda 503
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet segwenti għandhom japplikaw:
	(1) "Bidwi" tfisser:
	(i) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda agrikola tagħha, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu skont il-liġi nazzjonali, tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha hija attività agrikola, kif definita mill-Istati Membri fil-kapitolu ddedikat għall-PAK tal-pjanijiet tagħhom tal-programmi nazzjonali ta' riforma (SNR), imsemmija fit-Titolu III tar-Regolament SNR, f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament; jew
	(ii) persuna fiżika jew "persuna ġuridika żgħira", li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri;
	(2) Fil-qafas ta' implimentazzjoni ta' LEADER, "benefiċjarju" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jew kwalunkwe entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha, li hija stabbilita jew teżerċita l-attivitajiet tagħha fiż-żona koperta mill-istrateġija ta' żvilupp lokali rilevanti u li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija, inklużi l-korpi pubbliċi, is-sħab ekonomiċi u soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi lokali oħra;
	(3) Il-kunċett ta' "bidwi attiv" huwa definit b'tali mod li jkopri prinċipalment bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u li jassumu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tagħha kif ukoll għar-riskji agrikoli. Il-bdiewa, li l-attività prinċipali tagħhom ma hijiex agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri, għandhom

jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi;

(4) "operazzjoni": pagament mogħti lill-bdiewa jew benefiċjarji oħra taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali, imsemmija fl-Artikolu 5 [Tipi ta' appoġġ], il-punti (a) sa (g), (o) u (p), ta' dan ir-Regolament;

(5) "bidwi ġdid": bidwi li ma huwiex bidwi żagħżugħ u li huwa l-kap tal-azjenda agrikola għall-ewwel darba, irrispettivament mill-forma ġuridika tal-azjenda agrikola;

(6) "biedja organika": sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill1a;

(7) "azjenda agrikola": l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli, ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(8) "sistema tal-għarfien u tal-informazzjoni agrikoli" jew "AKIS": il-flussi ta' organizzazzjoni u ta' għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u l-oqsma relatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(9) "il-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew": kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew, għajr il-gżejjer ta' Kreta u Evia.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

SNR preċedenti, definizzjoni ġdida ta' "bidwi attiv", definizzjoni ġdida ta' "bidwi ġdid"

Emenda 504

Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"Estensifikazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni tal-bhejjem" tfisser l-adozzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem li jwasslu għal tnaqqis fid-densità tal-bhejjem u għal żieda fl-ispazju disponibbli għal kull annimal, inkluż, meta l-kundizzjonijiet agroklimatiċi jippermettu, aċċess effettiv u ffaċilitat għal żoni u/jew mergħat fuq barra, u li jwasslu għal titjib dimostrabbli u sostenibbli fil-benessri tal-annimali, fis-saħħa tal-annimali u fl-espressjoni ta' mġiba naturali speċifika għall-ispeċijiet. L-estensifikazzjoni tinvolvi bidliet strutturali jew ta' ġestjoni li jaffettwaw is-sistema tal-produzzjoni kollha kemm hi, b'mod partikolari żieda sostanzjali fl-użu ta' mergħat jew ta' għalf prodott lokalment u tnaqqis fid-dipendenza fuq l-għalf minn sorsi esterni. L-estensifikazzjoni hija vverifikata abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jistgħu jitkejlu u verifikabbli, inklużi kemm indikaturi bbażati fuq ir-riżorsi naturali kif ukoll dawk ibbażati fuq l-annimali. Tnaqqis marġinali, temporanju jew purament amministrattiv fid-densità tal-bhejjem, jew miżuri li ma jwasslux għal titjib dimostrabbli u sostenibbli fil-benessri tal-annimali u fis-saħħa tal-annimali mhux se jitqiesu bħala estensifikazzjoni.

Or. fr

Emenda 505
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandha tikkontribwixxi prinċipalment għall-objettivi tal-politika agrikola komuni stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri ż-żieda fil-produttività agrikola biex tiġi żgurata s-sovranità tal-ikel billi jiġi promoss il-progress tekniku u jiġi żgurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola u l-aħjar użu tal-fatturi ta' produzzjoni, b'mod partikolari x-xogħol; l-iżgurar ta' livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, b'mod partikolari billi jiżdied il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura; is-swieq jiġu stabbilizzati; l-assigurazzjoni tad-disponibilità tal-provvisti; l-iżgurar ta' prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.

Or. en

Emenda 506
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"Bidwi" tfisser: persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li jkollhom azjenda kif definita fl-Artikolu 4(16) tar-Regolament dwar il-PSNR, u li jeżerċitaw attività agrikola kif iddeterminata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 2b(3) ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 1a (new) (former NRP Art. 4 points 14, 15, 17, 23 + def. "active farmer" VdL letter+NRP Art.4(3c), (9c), (16))Desire to revert to the definition of a farmer used under the current programming period (Article 3(1) of Regulation (EU) 2021/2115).Desire to allow the definition of a farmer to include groups of natural and legal persons, so that jointly managed holdings (particularly in the context of inherited estates held in joint ownership) can remain eligible as CAP beneficiaries. It is also important to maintain a broad, non-restrictive definition of the general concept of a farmer in order to simplify controls. This definition may be distinct from that of an active farmer, whose use could be limited to specific CAP interventions. Deletion of the concept of "main activity", as the Commission's proposal, which is based on this concept, would exclude from the definition of a farmer producers who genuinely carry out agricultural activities (albeit on a part-time or partial basis)

Emenda 507
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu l-kriterji għad-determinazzjoni tal-attivitajiet prinċipali msemmija fil-punti (i) u/jew (ii).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4(3)(c) tal-SNR, maqbul li jiġi trasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: jiżdied subparagrafu ġdid "L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu l-kriterji għad-determinazzjoni tal-attivitajiet prinċipali msemmija fil-punti (i) u/jew (ii)."

Emenda 508
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-

azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel.

Sabiex tikkwalifika bħala "bidwi attiv", persuna fiżika jew ġuridika għandha:

(i) teżerċita b'mod effettiv attività agrikola b'parteċipazzjoni ġenwina u diretta fix-xogħol tal-azjenda agrikola. Ix-xogħol kollu ta' ġestjoni u agrikolu tal-azjenda agrikola tagħhom ma jridx jiġi ddelegat lil kumpanija terza;

(ii) ma tirċevix, minn attivitajiet mhux agrikoli, dħul li jaqbeż livell limitu stabbilit mill-Istat Membru

(iii) ma tkunx laħqet l-età statutorja tal-irtirar li tintitola għal pensjoni sħiħa skont id-dritt nazzjonali, soġġetta għal perjodu tranżitorju ta' mhux aktar minn sentejn mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid. Meta l-bidwi jopera permezz ta' persuna ġuridika, dik il-persuna ġuridika għandha titqies bħala "bidwi attiv" biss fejn il-maġġoranza tal-kapital azzjonarju tagħha (> 51 %) u d-drittijiet tal-vot (> 65 %) huma miżmuma minn bdiewa attivi bħala persuni fiżiċi li jaħdmu fl-azjenda, u fejn dik il-persuna ġuridika tiddikjara, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, persuna ġuridika waħda biss għal kull persuna fiżika, sabiex jiġu pprevenuti arranġamenti legali artifiċjali.

Il-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex l-agrikoltura, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Artikolu 1a (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + definizzjoni "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4 tal-SNR (3c), (9c), (16)). Bidliet kbar ħlief fuq bdiewa b'azjenda agrikola żgħira. Id-definizzjoni attwali ta' "bidwi attiv" mhijiex preċiża biżżejjed biex tipprevjeni effetti straordinarji li jirriżultaw mis-sempliċi sjieda tal-art jew tal-kapital. Strutturi korporattivi kumplessi jippermettu lill-entitajiet li l-attività primarja tagħhom

mhijiex agrikola jirċievu sussidji sostanzjali tal-PAK. Dan se jgħin biex jitnaqqas il-qligħ mhux mistenni u l-approprjazzjoni ta' fondi minn entitajiet bħall-familja rjali tal-Emirati Għarab Magħquda.

Emenda 509
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li mhuwiex bidwi żagħżugħ, li huwa l-kap jew il-kokap tal-azjenda għall-ewwel darba u li l-età tiegħu ma taqbiżx b'inqas minn 10 snin l-età statutorja tal-irtirar li fiha jinkiseb id-dritt għall-pensjoni sħiħa fl-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 1a (new) (former NRP Art. 4 points 14, 15, 17, 23 + def. "active farmer" VdL letter+NRP Art.4(3c), (9c), (16)). Add of the term "co head" and of the retirement age.The Common Agricultural Policy should support the establishment of new entrants into farming regardless of whether they qualify as young farmers. Access to farming often occurs later in life due to difficulties in accessing land, capital, training and agricultural assets. At the same time, support for new farmers should contribute effectively to generational renewal and the long-term viability of agricultural holdings. Granting installation aid to persons who are approaching retirement age would reduce the effectiveness of public expenditure in achieving these objectives and could limit opportunities for future generations of farmers. A maximum age threshold corresponding to ten years before the statutory retirement age at which full pension entitlement is acquired should therefore be introduced. This approach ensures that support remains focused on farmers with a sufficient professional horizon to develop their holdings, contribute to rural vitality and strengthen generational renewal, while allowing Member States to take account of differences in national pension systems.

Emenda 510
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. “żona agrikola” għandha tiġi ddeterminata sabiex tinkludi raba’ li jinħadem, għelejjel permanenti u art bil-ħaxix permanenti, inkluż fejn jiffurmaw sistemi agroforestali f’dik iż-żona u l-pastoraliżmu. It-termini “raba’ li jinħadem”, “għelejjel permanenti” u “art bil-ħaxix permanenti” għandhom jiġu definiti aktar mill-Istati Membri fil-qafas li ġej:
	(i) “raba’ li jinħadem” tfisser art ikkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew art disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li tinsab mistrieħa;
	(ii) “għelejjel permanenti” tfisser għelejjel għajr art bil-ħaxix permanenti u mergħat permanenti li mhumiex parti minn newba tal-għelejjel, jokkupaw l-art għal 5 snin jew aktar u jagħtu ħsad repetut, inklużi mixtliet u msaġar b’rotazzjoni qasira;
	(iii) “art bil-ħaxix permanenti” u “mergħat permanenti” (minn hawn ’il quddiem imsejħa b’mod konġunt “art bil-ħaxix permanenti”) tfisser art użata biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, kemm jekk naturali kif ukoll jekk miżrugħ, u wkoll fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor ma jkunux predominanti jew assenti, li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-impriża għal mill-inqas 10 snin. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, l-art bil-ħaxix għandha tiġi kklassifikata skont id-durata tagħha, kif ġej: — art bil-ħaxix temporanja, jiġifieri art bil-ħaxix li ilha stabbilita għal inqas minn 5 snin; — art bil-ħaxix b’rotazzjoni twila, jiġifieri art bil-ħaxix li ġiet stabbilita għal perjodu ta’ bejn 5 u 10 snin; — art bil-ħaxix permanenti, jiġifieri art bil-ħaxix li ilha stabbilita għal aktar minn 10 snin. Speċijiet oħra adattati għar-ragħa u speċijiet oħra adattati għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali, bħal arbuxelli jew siġar, jistgħu jkunu preżenti wkoll.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jikkunsidraw bħala art bil-ħaxix permanenti żoni koperti minn kwalunkwe waħda mill-ispeċijiet imsemmija f'dan il-punt fejn il-ħxejjex u foraġġ erbaċew ieħor ma jippredominawx jew ma jkunux preżenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 1b (new) (former NRP Art. 4 point 22). Major changes.Union legislation should provide a clear and harmonised definition of agricultural area, in particular as regards grassland, as this land category is subject to specific obligations, safeguards and support schemes under the Common Agricultural Policy and therefore requires a shared understanding across Member States. This definition should also fully recognise pastoral areas and extensive grazing systems, including areas where grasses and other herbaceous forage do not predominate or are absent, but where shrubs, trees or other species suitable for grazing or animal feed production are present. Such areas have a real feed value and are essential to the autonomy of pastoral livestock farming, particularly in mountain, Mediterranean and other extensive farming systems. They contribute directly to animal nutrition through grazing and browsing resources that are adapted to local ecosystems and seasonal conditions. They also deliver important environmental benefits, including biodiversity conservation, fire prevention, landscape maintenance and the sustainable use of marginal land.

Emenda 511
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu: (iii) żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti.
	(iii) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 35(1)(a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjenda agrikola żgħira] ta' dan ir-

Regolament, jew taħt l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], l-iskema għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira], tar-Regolament (UE) 2021/2115, fejn l-attività agrikola ma tiġix imwettqa minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u l-klima;

(iii) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'."

Fir-rigward tal-art bil-ħaxix permanenti b'elementi ineliġibbli mferrxa, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw koeffiċjenti ta' tnaqqis fissi biex tiġi ddeterminata ż-żona meqjusa eliġibbli;

Il-bidwi jitqies li għandu l-art għad-dispożizzjoni tiegħu, sakemm bidwi ieħor ma jitlobx l-istess roqgħa, sid l-art jinforma lill-aġenzija tal-pagamenti li ma jawtorizzax lill-bidwi juża l-art tiegħu, jew l-aġenzija tal-pagamenti jkollha dubji dwar jekk il-bidwi huwiex intitolat li jikkoltiva dik ir-roqgħa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 1b (new) (former NRP Art. 4 point 22)

Deletion of under the farmer's control in terms of management, benefits and financial risks

Add of As regards permanent grassland with scattered ineligible features, Member States may decide to apply fixed reduction coefficients to determine the area considered eligible; The Farmer is deemed to have the land at his disposal, unless another farmer claims the same plot, the landowner informs the paying agency that they do not authorise the farmer to use

their land, or the paying agency has doubts as to whether the farmer is entitled to farm that plot.

Emenda 512
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"bidwi żagħżugħ" għandha tiġi definita b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) limitu massimu ta' età ta' 40 sena;
	(b) ikun "kap jew kokap tal-azjenda".
	Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit taħt l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Paragrafu 5, Il-bdiewa żgħażagħ (preċedentement l-Artikolu 4 (22d) tal-SNR)

Żieda ta' "kokap"

Emenda 513
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont il-Fond għas-Sħubijiet	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont il-Fond għas-Sħubijiet

Nazzjonali u Reġjonali (il-“Fond”), f’konformità ***mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond stabbiliti fir-Regolament*** (UE) ***[…] [SNR]***.	Nazzjonali u Reġjonali (il-“Fond”), f’konformità ***mar-Regolament*** (UE) ***…/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034***.

Or. pt

Emenda 514
Gabriella Gerzsenyi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi ***pprovdut skont il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-“Fond”),*** f’konformità ***mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) […] [SNR]***.	Dan l-appoġġ tal-Unjoni ***għall-PAK*** għandu jiġi ***implimentat*** f’konformità ***ma’ dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 515
Gabriella Gerzsenyi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-“Fond”), f’konformità ***mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) […] [SNR]***.	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (il-“Fond”), f’konformità ***mal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 39 u 43 tat-TFUE***.

Or. en

Emenda 516
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont il-Fond ***għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali*** (il-"Fond"), f'konformità mar-regoli li jirregolaw ***dak*** il-Fond stabbiliti ***fir-Regolament (UE) […] [SNR]***.	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont il-Fond ***tal-PAK*** (il-"Fond"), ***abbażi tal-Pjanijiet tal-PAK,*** f'konformità mar-regoli li jirregolaw il-Fond stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-PAK għandha tibqa' politika awtonoma b'baġit awtonomu. Il-PAK ma għandhiex tiġi ridotta għal kapitolu fil-Pjanijiet SNR, iżda tibqa' soġġetta għall-Pjanijiet tal-PAK li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri (fejn rilevanti mar-reġjuni tagħhom). Il-bidla mill-SNR għall-PAK għandha tapplika fit-test kollu.

Emenda 517
Dario Nardella, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a (ġdid)
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "Bidwi" tfisser: (i) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda tagħha tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha tkun attività agrikola f'konformità mal-kriterji definiti mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament; jew (ii) persuna fiżika jew persuna ġuridika żgħira, li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri.

(2) ““Bidwi attiv” għandu jiġi ddeterminat b’tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b’mod attiv għas-sigurtà tal-ikel. Il-bdiewa b’azjenda agrikola żgħira, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f’mill-inqas livell minimu ta’ attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi. “

(3) “operazzjoni” tfisser pagament mogħti lill-bdiewa taħt interventi ta’ appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta’ dan ir-Regolament.

(3a) “benefiċjarju” tfisser bdiewa, organizzazzjonijiet tal-produtturi, koperattiva u persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra li jwettqu attivitajiet agrikoli eliġibbli, inklużi attivitajiet ta’ produzzjoni u propagazzjoni ta’ mixtliet;

(4) “bidwi ġdid” għandha tiġi ddeterminata b’tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba.

(5) “biedja organika” tfisser sistema ta’ produzzjoni organika ċċertifikata f’konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(6) “azjenda” tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta’ applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(7) “Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli” jew “AKIS” tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u

innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament

(8) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia. [1] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150 14.6.2018, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + definizzjoni "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4 tal-SNR (3c), (9c), (16)) - l-unika żieda hija l-paragrafu 3a.

Emenda 518
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħhom hija attività agrikola f'konformità mal-kriterji definiti mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4(3)(c)(i) tal-SNR, maqbul li jiġi trasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: il-punt (i) miżjuda "jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali,"

Emenda 519
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2) persuna fiżika jew persuna ġuridika żgħira, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu bid-dritt nazzjonali, inklużi l-bdiewa part-time, li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4(3)(c)(ii) tal-SNR, maqbul li jiġi trasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: il-punt (ii) miżjuda "jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, inklużi l-bdiewa part-time, li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u"

Emenda 520
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ u elementi oħra, bħal pannelli solari, mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ u elementi oħra ma jxekklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq

il-bieċa raba'

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 4(22)(e)(iii) tal-SNR: Emendi mqabbla mat-test trasferit: miżjuda bħala l-Artikolu 1b (ġdid (c)) "u elementi oħra, bħal pannelli solari" u "u attivitajiet oħra".

Emenda 521
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jiddeterminaw kif għandu jiġi implimentat l-appoġġ tal-Unjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2(c), tar-Regolament (UE) […] [SNR], l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk jipprovdux dettalji tal-allokazzjonijiet tal-PAK fi Pjan SNR kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, jew fi Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-PAK (Pjanijiet NRCAP) separati, f'konformità mar-regoli li jirregolaw il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX (SNR) u r-regoli ta' dan ir-Regolament. Fil-każ li l-Istati Membri jiżviluppaw u jippreżentaw Pjanijiet NRCAP, il-Kummissjoni għandha tevalwahom u tapprovahom separatament mill-Pjanijiet SNR ippreżentati minn dawn l-Istati Membri. Minn hawn 'il quddiem, iż-żewġ tipi għandhom jissejħu Pjanijiet NRCAP. Darba fis-sena, l-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni talba biex jiġi emendat Pjan NRCAP fir-rigward tal-iżviluppi ekonomiċi f'setturi individwali u sfidi mhux previsti, li jkun fiha proposti biex jiġi aġġustat l-ammont ta' finanzjament allokat għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5, u wkoll ċerti

	arranġamenti dwar l-allokazzjonijiet. L-Istat Membru għandu jispeċifika l-impatt antiċipat ta' dawn l-emendi fuq l-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-Pjan NRCAP emendat jikkonformax ma' dan ir-Regolament, u tista' tissottometti osservazzjonijiet mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data tas-sottomissjoni tal-Pjan SNR emendat. L-emendi għandhom jitqiesu li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament fuq bażi de facto jekk ikunu minuri jew ma jirriżultawx f'bidliet fl-allokazzjoni tal-ammonti baġitarji bejn l-interventi msemmija fl-Artikolu 5.
	Or. pl

Emenda 522
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jiddeterminaw min jikkwalifika bħala "bidwi attiv", l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, bħal kriterji bbażati fuq l-introjtu, ix-xogħol iddedikat għall-azjenda agrikola, l-objettiv soċjali tal-impriża jew l-inklużjoni ta' attivitajiet agrikoli f'reġistri nazzjonali jew reġjonali. Tali kriterji jistgħu jiġu introdotti f'forma waħda jew aktar magħżula mill-Istati Membri, inkluż permezz ta' lista negattiva li tiskwalifika ċerti bdiewa milli jitqiesu bħala bdiewa attivi. Jekk Stat Membru jikkunsidra bħala "bdiewa attivi" dawk il-bdiewa li ma rċevewx pagamenti diretti li qabżu ċertu ammont għas-sena preċedenti, dan l-ammont ma għandux ikun ogħla minn EUR 5 000. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu l-applikanti li laħqu l-età tal-irtirar stabbilita bil-liġi nazzjonali u li jirċievu

pensjoni tal-irtirar.

L-interventi elenkati fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (d), (g) u (h), għandhom jingħataw biss lil bdiewa attivi. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu dan ir-rekwiżit għal interventi oħra.

Or. fr

Emenda 523
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jistabbilixxu l-implimentazzjoni tagħhom tal-appoġġ tal-Unjoni għall-politika agrikola komuni (PAK) f'konformità mal-objettiv ġenerali stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [SNR], l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jiddefinixxu jew kapitolu tal-PAK tal-pjanijiet SNR tagħhom kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR jew pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-PAK (Pjanijiet NRCAP) separati f'konformità mar-regoli li jirregolaw il-Fond stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX (SNR) u mar-regoli ta' dan ir-Regolament.
	Meta l-pjanijiet NRCAP jiġu definiti u ppreżentati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tivvalutahom u tivvalidahom indipendentement mill-pjanijiet SNR ippreżentati minn dawn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 524
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-paragrafu 5 tal-Artikolu 1b (ġdid) (li qabel kien l-Artikolu 4, il-punt 22 tas-SNR) huwa sostitwit bit-test li ġej:
	5. "bidwi żagħżugħ" għandha tiġi definita b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) limitu massimu tal-età stabbilit bejn 35 sena u 45 sena;
	(b) status ta' "kap tal-azjenda". Meta bidwi jitqies li jaqa' fid-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. ro

Emenda 525
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet segwenti għandhom japplikaw: 1) "bidwi":
	i) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda agrikola tagħha jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu skont il-liġi nazzjonali, tinsab fl-Unjoni u li l-attività ewlenija tagħha hija attività agrikola, kif definita mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tal-

PAK tagħhom, f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament;

jew ii) persuna fiżika jew persuna ġuridika żgħira, li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri;

Or. fr

Emenda 526
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-terminu "bidwi ġdid" ifisser bidwi għajr bidwi żagħżugħ, li jieħu f'idejh l-azjenda agrikola għall-ewwel darba u li jkun irċieva t-taħriġ xieraq jew kiseb il-ħiliet meħtieġa, kif determinat mill-Istati Membri. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, mill-inqas persuna fiżika waħda jeħtiġilha tissodisfa l-kriterji applikabbli għal bidwi ġdid.

Or. fr

Emenda 527
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"L-ettaru eliġibbli" huwa definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:
	(i) żoni agrikoli li fuqhom issir attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi

f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola trid tkun predominanti.

(iii) żoni li għalihom huwa pprovdut appoġġ skont l-Artikolu 35, il-paragrafu 1, il-punti (a) u (g) [appoġġ għall-introjtu, bdiewa żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew taħt l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], skema għall-bdiewa żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima;

(ii) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'. "Fir-rigward tal-bwar permanenti b'elementi ineliġibbli mferrxa, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw koeffiċjenti ta' tnaqqis fissi biex tiġi ddeterminata ż-żona meqjusa bħala eliġibbli;

Il-bidwi għandu jitqies li għandu r-raba' għad-dispożizzjoni tiegħu, sakemm bidwi ieħor ma japplikax għall-istess raba', sid l-art jinforma lill-aġenzija tal-pagamenti li huwa ma jawtorizzax lill-bidwi juża r-raba' tiegħu, jew l-aġenzija tal-pagamenti jkollha dubji dwar id-dritt tal-bidwi li juża dak ir-raba'.

Or. fr

Emenda 528
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-kunċett ta' "bidwi żagħżugħ" għandu jiġi ddefinit b'tali mod li jinkludi l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jaqgħu fid-definizzjoni ta' bdiewa msemmija fl-Artikolu 2a, il-paragrafu 1, li jissodisfaw mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn il-35 u l-40 sena;
	(b) il-kundizzjonijiet biex wieħed jitqies bħala "kap tal-azjenda agrikola";
	(c) it-taħriġ jew il-ħiliet xierqa meħtieġa, kif iddeterminati mill-Istati Membri.
	Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament mill-fatt li l-bidwi sussegwentement jaqbeż il-limitu massimu tal-età.
	Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, mill-inqas persuna fiżika waħda jeħtiġilha tissodisfa l-kriterji għall-bdiewa żgħażagħ.

Or. fr

Emenda 529
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a

Definizzjonijiet

1. “Bidwi” tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil dak il-grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li topera azjenda agrikola kif definita fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu u li l-attività prinċipali tagħha hija l-attività agrikola, kif definita mill-Istati Membri f’konformità mal-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew grupp ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil dak il-grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li jiġġestixxu azjenda agrikola kif definit fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, li l-attività prinċipali tagħhom ma tkunx attività agrikola, jitqiesu bħala bdiewa dment li jwettqu mill-inqas livell minimu ta’ attività agrikola li għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri fil-Pjanijiet tal-PAK tagħhom; 2. “azjenda”: tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta’ applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE; 3. “attività agrikola”: għandha tiġi ddeterminata permezz ta’ waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma: i. il-produzzjoni ta’ prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha li għandhom l-għan li jiksbu dawk il-prodotti, fejn prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b’newba qasira; ii. iż-żamma ta’ żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; fejn ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta’ benesseri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta’ żona agrikola li ma jirriżultax f’żieda fil-

produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni"; 4. Id-definizzjoni ta' "żona agrikola" għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali; 5. "ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu: i. iż-żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontrolli tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti. iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g), [appoġġ bażiku għall-introjtu digressiv, għall-bdiewa żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [appoġġ bażiku għall-introjtu [intitolamenti inklużi kollha], skema għall-bdiewa żgħar] tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK marbuta mal-ambjent u l-klima; L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa art; 6. "bidwi żagħżugħ" għandha tiġi definita b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin: i. limitu massimu ta' età stabbilit bejn il-35 sena u l-40 sena; ikun il-"kap tal-azjenda". Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu

ta' eliġibbiltà stabbilit taħt l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età. 7. "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-"kap tal-azjenda" għall-ewwel darba; 8. "nefqa pubblika": għall-finijiet tal-PAK, tfisser kwalunkwe kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li s-sors tagħha jkun il-baġit tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, il-baġit tal-Unjoni magħmul disponibbli għall-Fond, il-baġit ta' korpi tad-dritt pubbliku jew il-baġit ta' assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi tad-dritt pubbliku; 9. "rata ta' appoġġ": għall-finijiet tal-PAK, ir-rata tan-nefqa pubblika fuq operazzjoni; fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, din tirreferi għall-ekwivalenti ta' għotja gross tal-appoġġ kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (20) tar-Regolament Nru 702/2014 tal-Kummissjoni; 10. "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS": tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma relatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni aħjar tal-PAK anke fir-rigward tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, id-definizzjonijiet relatati ma' dawk il-politiki għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament. Dawn l-emendi jippermettu awtonomija akbar għall-PAK, anke fid-dawl ta' bidliet possibbli għall-Pjan, filwaqt li jiżguraw proċess aktar mgħaġġel.

Emenda 530
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(-1) "bidwi" (...)
	(1) "bidwi attiv" (...)
	****(1a) (ġdid) "sigurtà tal-ikel" tfisser il-kundizzjoni li fiha n-nies kollha, f'kull ħin, ikollhom aċċess fiżiku u ekonomiku għal biżżejjed ikel li jkun sikur u nutrittiv biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tad-dieta u l-preferenzi tal-ikel tagħhom għal ħajja attiva u fi stat tajjeb ta' saħħa, u fejn l-ikel u l-għalf introdotti fis-suq ma jkunux ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u jkunu protetti minn theddid bijoloġiku, kimiku u fiżiku tul il-katina alimentari, filwaqt li jitqiesu l-impatti fuq l-ekosistemi, l-ilma u l-ħamrija u r-riskji relatati mal-klima, f'konformità mal-aħħar evidenza xjentifika, inkluża l-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA).****
	Referenza: www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0308521X19300046
	(1b) (ġdid) "estensifikazzjoni" tfisser tranżizzjoni fil-ġestjoni agrikola lejn pressjoni mnaqqsa fuq il-bhejjem u dipendenza akbar mir-ragħa u l-foraġġ fl-azjenda agrikola, billi l-għadd ta' bhejjem jiġi allinjat mal-kapaċità ta' portata taż-żoni tal-foraġġ tad-detentur, u billi jitnaqqsu l-inputs esterni bħall-għalf u l-użu antimikrobiku, billi jiġi żgurat li d-densità ta' bhejjem timxi lejn inqas minn 2,0 LSU għal kull ettaru u li t-tagħbija u ċ-ċikliżmu tan-nutrijenti jkunu konformi mad-Direttiva dwar in-Nitrati (91/676/KEE) u mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE).
	(2) "operazzjoni" (...)

(3) "bidwi ġdid" (...)

(4) "biedja organika" (...)

****(4a) (ġdid) "sistema ta' produzzjoni reżiljenti" tfisser approċċ għall-ġestjoni tal-azjendi agrikoli li jżomm jew itejjeb il-funzjonijiet tal-ekosistema, il-bijodiversità, u l-kwalità tal-ħamrija u tal-ilma taħt stress u xokkijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali, permezz tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel, il-prattiki ta' input baxx u l-ġestjoni agroekoloġika adattiva.***

referenza: https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0308521X19300046

(4b) (ġdid) "agroekoloġija" tfisser approċċ sistemiku għall-ġestjoni u t-tranżizzjonijiet agroalimentari, li jinkludi sett ta' prattiki bbażati fuq ix-xjenza u l-applikazzjoni territorjali tal-10 element tal-FAO[1b] u t-13-il prinċipju maqbula mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni[1c] tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija. L-agroekoloġija tfassal mill-ġdid l-interazzjonijiet bejn il-pjanti, l-annimali, il-bnedmin u l-ambjent filwaqt li tissostitwixxi l-inputs dannużi b'alternattivi ekoloġiċi/bijoloġiċi u tqis l-aspetti soċjali meħtieġa għal sistema tal-ikel sostenibbli u ġusta. Dan itejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi kif ukoll ir-restawr tal-ħabitats, ir-riżorsi tal-pollinaturi, it-trattament xieraq tal-annimali u l-ispeċijiet diversi u adattati lokalment, is-saħħa tal-ħamrija, il-bhejjem estensivi u l-awtonomija tal-għalf lokali, il-produzzjoni tal-proteini, tan-nutrijenti u tal-fibra bbażata fuq il-pjanti abbażi ta' sistemi tal-biedja diversifikati, l-awtonomija tal-bdiewa, il-ktajjen tal-provvista qosra u l-għajxien ġust, u b'hekk jikkontribwixxi għas-sigurtà u s-sovranità tal-ikel, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp rurali, u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali.

(4c) (ġdid) "LEADER" tfisser żvilupp lokali mmexxi mill-komunità msemmi fl-

Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/1060;

(4d) (ġdid) "agroforestrija" tfisser approċċ għall-użu tal-art li jintegra s-siġar u l-arbuxelli mal-għelejjel agrikoli u/jew mal-bhejjem fuq l-istess art bl-għan li jittejbu l-bijodiversità, is-saħħa tal-ħamrija, il-qbid tad-diossidu tal-karbonju u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, filwaqt li tiġi ddiversifikata l-produzzjoni tal-azjendi agrikoli, jissaħħu l-għajxien rurali u l-benefiċċji soċjali u titnaqqas id-dipendenza minn inputs esterni inklużi l-pestiċidi.*

(4a) "azjenda" (...)

****(4aa) (ġdid) "karatteristika tal-pajsaġġ" tfisser elementi bħal għadajjar, ringieli ta' sġajriet, siġar individwali jew siġar f'linja, art mistagħdra jew frammenti ta' ħabitats seminaturali oħra, strixxi jew ilqugħ bil-fjuri selvaġġi, ħitan tal-ġebel, terrazzi, eċċ. Dawn mhux neċessarjament jistgħu jkunu art għall-għelejjel jew għall-mergħat iżda jikkontribwixxu għall-produttività tal-azjenda agrikola jew tal-pajsaġġ kollu billi jistabbilizzaw l-art, inaqqsu l-erożjoni tal-ħamrija, iżidu l-infiltrazzjoni, itaffu l-għargħar jew jirregolaw id-drenaġġ jew l-idroloġija, jipprovdu dell għall-bhejjem, jipprovdu ħabitats għall-pollinaturi, għedewwa naturali tal-pesti u organiżmi oħra ta' benefiċċju, u konnettività ekoloġika bejn il-ħabitats tagħhom. Dawn jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-agroekosistema u huma partijiet integrali u essenzjali tagħha u jipproteġu l-fatturi tal-produzzjoni.***

Id-definizzjoni għandha tapplika wkoll biex tinkludi żidiet jew estensjonijiet għal karatteristiċi eżistenti tal-pajsaġġ, biex tiżgura li l-art li tikkontribwixxi għar-reżiljenza u għall-produttività u li jkollha użu agrikolu u agronomiku usa' żżomm l-eliġibbiltà tagħha għal pagamenti bażiċi. Il-karatteristiċi tal-pajsaġġ għandhom jinżammu għall-valur soċjali u

ekoloġiku/agronomiku tagħhom. Dawn jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal pagamenti addizzjonali, pereżempju għall-manutenzjoni, għaż-żamma jew, fil-każ ta' oħrajn ġodda, għall-ħolqien mill-ġdid tagħhom. *

(5) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" (...)

(6) "il-Gżejjer minuri tal-Eġew" (...)

[1b] Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO). (2019). The Ten Elements of Agroecology (CA7173). Approvat mill-163 Sessjoni tal-Kunsill tal-FAO, Ruma, 2–6 ta' Diċembru 2019.

[1c] Il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni (HLPE). (2019). Agroecological and other innovative approaches for sustainable agriculture and food systems that enhance food security and nutrition. A report by the High Level Panel of Experts on Food Security and Nutrition of the Committee on World Food Security (CFS). Ruma: FAO

Or. en

*(Test * żidiet* għall-artikoli trasferiti mill-SNR bejn l-asterisks *xyz* u "(ġdid)"; fejn ma hemm l-ebda bidla cf. SNR = (...))*

Ġustifikazzjoni

Żdiedu xi definizzjonijiet ma' dawk li tmexxew mill-abbozz ta' regolament dwar il-PSNR, jiġifieri: "Is-sigurtà tal-ikel"; "Estensifikazzjoni", li tintuża "attività agrikola" mhux definita; "operazzjoni"; "Sistema ta' produzzjoni reżiljenti" li tintuża f'ħafna mill-pagamenti ta' inċentiv ogħla mil-linja bażi; "agroekoloġija" peress li din hija sistema ta' produzzjoni li tissodisfa l-objettivi ambjentali u soċjali kollha ta' dan ir-regolament; "Karatteristiċi tal-pajsaġġ" peress li dawn tħallsu b'pagamenti bażiċi bbażati fuq iż-żona bħala art agrikola normali mill-2003 biex tiġi diżinċentivata t-tneħħija tagħhom.

Emenda 531
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fil-kapitolu ddedikat għall-PAK tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament relatat mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, id-definizzjonijiet tagħhom tal-kunċetti ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ", f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità, u irrispettivament mill-forma ġuridika ta' persuni kkonċernati.
	2. Id-definizzjoni tal-"attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; meta "prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira u l-prodotti li jiġu prodotti bil-kultivazzjoni tal-għadajjar;
	(b) iż-żamma ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet marbuta mal-benessri tal-annimali jew ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "żamma".

3. Id-definizzjoni tal-kunċett ta' "żona agrikola" għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. Id-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" msemmi fl-ewwel paragrafu għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tinkludi biss iż-żoni kkultivati mill-bidwi:

(a) iż-żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi u, jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawk iż-żoni, li fuqhom hija predominanti dik l-attività agrikola;

(b) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5, il-punti (a) u (g), [appoġġ għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dan ir-Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [l-intitolamenti inklużi kollha], skema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK marbuta mal-ambjent u l-klima.

c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ u elementi oħra, li ma humiex koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt, dment li dawk il-karatteristiċi tal-pajsaġġ u elementi oħra ma jxekklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'.

Fir-rigward tal-bwar permanenti b'elementi ineliġibbli mferrxa, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw koeffiċjenti ta' tnaqqis fissi biex tiġi ddeterminata ż-żona meqjusa bħala eliġibbli;

5. Id-definizzjoni tat-terminu "bidwi

żagħżugħ" għandha tiġi ddefinita b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bidwi għandu 40 sena jew iżgħar;

(b) il-bidwi huwa l-"kap tal-azjenda agrikola";

(c) għandu t-taħriġ jew il-ħiliet xierqa meħtieġa, kif iddeterminati mill-Istati Membri. Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament mill-fatt li l-bidwi sussegwentement jaqbeż il-limitu massimu tal-età.

6. "Bidwi ġdid" tfisser bidwi għajr bidwi żagħżugħ li jsir il-"kap tal-azjenda agrikola" għall-ewwel darba. L-Istati Membri għandhom jinkludu rekwiżiti oġġettivi u nondiskriminatorji oħra rigward it-taħriġ u l-ħiliet xierqa.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Emenda 4c) ; Żieda 5c) ; Żieda 6

Emenda 532
Stefan Köhler, Norbert Lins, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "Bidwi" tfisser:

(i) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda tagħha tinsab kompletament fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha hija attività agrikola, kif definita mill-Istati Membri fil-kapitolu tal-PAK tal-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament; jew

(ii) persuna fiżika jew persuna ġuridika żgħira, li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri; attivitajiet ekonomiċi diversifikati ma għandhomx, bħala tali, jeskludu l-eliġibbiltà. .

(iii) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda tagħha tinsab kompletament fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha tikkonsisti f'attività agrikola, inklużi l-propagazzjoni, il-kultivazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' stokk tal-mixtliet, materjal tal-pjanti riproduttivi, pjanti ornamentali, siġar tal-frott, dwieli, materjal riproduttiv tal-foresti u pjanti ħajjin oħra maħsuba għat-tħawwil jew għat-trapjantar.

(2) "Benefiċjarju" fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' LEADER tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha li hija stabbilita jew topera fiż-żona koperta mill-istrateġija ta' żvilupp lokali rilevanti u li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija, inklużi attivitajiet ta' produzzjoni u propagazzjoni ta' mixtliet, korpi pubbliċi, sħab ekonomiċi u soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u atturi lokali oħra.

(3) "bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom. Il-bdiewa, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola,

kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi.

(4) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa jew benefiċjarji oħra taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5 [Tipi ta' appoġġ], il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament.

(5) "bidwi ġdid" tfisser bidwi li mhuwiex bidwi żagħżugħ u li huwa l-kap tal-azjenda għall-ewwel darba, irrispettivament mill-forma legali tal-azjenda agrikola.

(6) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a];

(7) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu kompletament fit-territorju tal-istess Stat Membru, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(8) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(9) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.

(10) "stokk tal-mixtliet" tfisser għelejjel permanenti, materjal riproduttiv tal-pjanti, pjanti ornamentali f'kontenituri mobbli jew fissi, inklużi qsari, trejs, boroż jew sistemi simili ta' kultivazzjoni, siġar tal-frott, dwieli, materjal ortikulturali jew riproduttiv tal-foresti u pjanti ħajjin oħra

maħsuba għat-tħawwil, għat-trapjantar jew għall-propagazzjoni, inklużi nebbieta, siġar ta' ftit żmien, riżomi, pjanti mlaqqma, dwieli, u pjanti żgħar oħra;

(11) Fil-każ ta' azjenda agrikola kooperattiva, bħala kooperattiva legali, entità ġuridika komparabbli jew assoċjazzjoni ta' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi, kemm l-azjenda agrikola kooperattiva bħala tali kif ukoll, fejn applikabbli, il-membri individwali tagħha għandhom jaqgħu taħt id-definizzjonijiet stabbiliti fil-punt (1) il-punti i u ii, il-punt (3) u l-punt (5) dment li l-membri jipparteċipaw fuq l-istess livell fl-azjenda.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150 14.6.2018, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + definizzjoni "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4 tal-SNR (3c), (9c), (16) u emendat); test ġdid: (1)(i) miżjuda "kompletament", (ii) miżjuda "attivitajiet ekonomiċi diversifikati ma għandhomx, bħala tali, jeskludu l-eliġibbiltà"; (2) jiżdied benefiċjarju tad-definizzjoni fil-kuntest tal-LEADER u "attivitajiet ta' produzzjoni u propagazzjoni ta' mixtliet"; (5) miżjuda "irrispettivament mill-forma legali tal-azjenda agrikola"; (7) miżjuda "kompletament"; il-punti (10) u (11) miżjuda fl-intier tagħhom; miżjuda korrezzjoni lingwistika.

Emenda 533
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 1a

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus ġuridiku mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu bid-dritt nazzjonali, li l-azjenda tagħhom tkun fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u li jeżerċitaw attività agrikola kif determinata mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) 202/XXXX [Ir-Regolament dwar il-PAK].

(2) "Bidwi attiv", għall-fini tal-appoġġ għall-introjtu relatat maż-żona u mal-annimali, tfisser bdiewa li jeżerċitaw livell minimu ta' attività agrikola, filwaqt li mhux neċessarjament jipprekludu l-għoti ta' appoġġ lill-bdiewa pluriattivi jew part-time. Il-kunċett ta' livell minimu ta' attività agrikola, għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-definizzjoni anke fir-rigward ta' interventi oħra;

(3) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament.

(4) "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba.

(5) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-

Kunsill[1a];

(6) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(7) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(8) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia;

(9) "prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara l-Anness I għat-Trattat);

(10) "produzzjoni agrikola primarja" tfisser il-produzzjoni ta' prodotti tal-ħamrija u tat-trobbija tal-bhejjem, li huma elenkati fl-Anness I tat-Trattat, mingħajr it-twettiq ta' kwalunkwe operazzjoni ulterjuri li tbiddel in-natura ta' dawn il-prodotti;

(11) "ipproċessar ta' prodotti agrikoli" tfisser kwalunkwe operazzjoni fuq prodott agrikolu li tirriżulta fi prodott li huwa wkoll prodott agrikolu, ħlief attivitajiet fl-azjenda agrikola meħtieġa għat-tħejjija ta' prodott tal-annimali jew tal-pjanti għall-ewwel bejgħ;

(12) "kummerċjalizzazzjoni ta' prodott agrikolu" tfisser li prodott jitqiegħed jew jiġi espost bil-ħsieb ta' bejgħ, jiġi offrut għall-bejgħ, jiġi kkonsenjat jew kwalunkwe mod ieħor ta' introduzzjoni

fis-suq, ħlief l-ewwel bejgħ minn bidwi lil rivendituri jew proċessuri u kull attività ta' preparazzjoni ta' prodott għal dan l-ewwel bejgħ; bejgħ minn bidwi lill-konsumaturi finali jitqies bħala kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli jekk iseħħ f'bini jew f'faċilitajiet separati riżervati għal dak l-għan;

[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150 14.6.2018, p. 1).

Or. en

Emenda 534
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a.
	Definizzjonijiet (Ara l-Artikolu 4(3c), (9c), (14), (15), (16), (17) u (23) tas-SNR, kif emendat; għad-definizzjoni ta' "bidwi attiv", ara l-ittra tal-President von der Leyen)
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u li hija involuta f'livell minimu ta' attività agrikola produttiva, li ma għandux jipprekludi l-għoti ta' appoġġ lil bdiewa pluriattivi jew part-time, f'konformità mal-kriterji stabbiliti mill-

Istati Membri skont dan ir-Regolament;

(2) "bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jiġi żgurat li l-appoġġ jingħata biss lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lil gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, involuti mill-inqas f'livell minimu ta' attività agrikola, filwaqt li mhux neċessarjament jiġi prekluż l-għoti ta' appoġġ lil bdiewa pluriattivi jew part-time.

Meta jiddeterminaw min huwa "bidwi attiv", l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, bħal testijiet tal-introjtu, inputs ta' xogħol fl-azjenda agrikola, l-għanijiet tal-kumpanija u l-inklużjoni tal-attivitajiet agrikoli tagħhom fir-reġistri nazzjonali jew reġjonali. Tali kriterji jistgħu jiġu introdotti f'forma waħda jew aktar magħżula mill-Istati Membri, inkluż permezz ta' lista negattiva li tiskwalifika bidwi milli jitqies bħala "bidwi attiv". Jekk Stat Membru jikklassifika bħala "bdiewa attivi" lil dawk il-bdiewa li ma rċevewx pagamenti diretti li qabżu ċertu ammont għas-sena preċedenti, dan l-ammont m'għandux ikun ogħla minn EUR 5 000;

(3) "operazzjoni" tfisser, fil-kuntest tal-PAK, pagament mogħti lill-bdiewa f'interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona, fuq l-annimali u fuq il-kwantità msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament;

(4) "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba;

(5) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(6) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha

użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(7) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikola" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni u l-flussi tal-għarfien ikkombinati bejn persuni, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(8) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia;

(9) "agrofotovoltajku" (ġdida) tfisser l-użu simultanju ta' żona ta' art għall-ġenerazzjoni tal-elettriku permezz ta' mezzi fotovoltajċi solari u l-produzzjoni agrikola;

(10) "għelejjel intermedji" (ġdida) tfisser għelejjel sekondarji u ta' kopertura mkabbra barra miċ-ċiklu tal-għelejjel primarji jew bejn għelejjel primarji suċċessivi għall-finijiet tal-provvista ta' kopertura tal-art u/jew tal-qbid ta' nutrijenti residwi, iżda mingħajr ma tiġi ssostitwita l-għalla ewlenija. Għelejjel intermedji jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-bijofjuwils kif ukoll għall-produzzjoni agrikola.

Or. pt

Emenda 535
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 1a

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Bidwi" tfisser:

(i) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda tagħha tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha tkun attività agrikola f'konformità mal-kriterji definiti mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament; jew

(ii) persuna fiżika jew persuna ġuridika, li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri.

(2) "Benefiċjarju" tfisser:

(i) fil-kuntest tal-PAK, bidwi li huwa persuna fiżika jew ġuridika jew gruppi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u li jeżerċitaw attività agrikola produttiva minima fiha filwaqt li ma jipprekludux l-għoti ta' appoġġ lil bdiewa pluriattivi jew part-time skont il-kriterji definiti mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(ii) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [Ir-Regolament dwar il-PAK] il-punti (a) u (g), [appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona, għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira] ta' dan ir-Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS [intitolamenti inklużi kollha], skema għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK marbuta mal-ambjent u l-klima.

(3) "Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri b'tali mod li jinkludi bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel. Il-bdiewa li jwettqu mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi."

(4) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament.

(5) "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba.

(6) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(7) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(8) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament

(9) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia. [1] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-

tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150 14.6.2018, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

(former NRP Art. 4 points 14, 15, 17, 23 + def. "active farmer" VdL letter+NRP Art.4(3c), (9c), (16))

The concept of "principal activity" should be removed and replaced by a reference to natural or legal persons, or groups of natural or legal persons, carrying out a minimum level of productive agricultural activity, without excluding pluri-active or part-time farmers, in accordance with criteria established by the Member States.

The amendment also removes any reference to the size of legal entities, as eligibility for CAP support should depend on the exercise of agricultural activity rather than the legal form or size of the applicant.

In addition to individual farmers, cooperatives, Producer Organisations (POs) and Associations of Producer Organisations (APOs) play a key role in implementing CAP interventions, including sectoral interventions, investments, marketing and processing activities. The definition should therefore allow the use of the broader concept of "beneficiary", as under the current CAP framework.

Finally, following the deletion of Article 35(1), the relevant cross-reference should be updated to Article 5 of this Regulation.

Emenda 536
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru

eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità,

2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; fejn prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;

(b) iż-żamma ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni jew il-forniment ta' prodotti pubbliċi u servizzi tal-ekosistema li jirriżultaw mill-ġestjoni sostenibbli tal-art agrikola, fejn tali attivitajiet jikkontribwixxu għall-objettivi ta' dan ir-Regolament, fejn ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' trattament xieraq tal-annimali jew raġunijiet ambjentali, ir-ragħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu: (a) iż-żoni agrikoli li fihom titwettaq attività agrikola taħt il-kontroll tal-bidwi f'termini ta' ġestjoni, benefiċċji u riskji finanzjarji. Jekk attivitajiet mhux agrikoli jitwettqu wkoll f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti. (b) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5(1)(a) u (g) [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjenda agrikola żgħira] ta' dak

ir-Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, Kapitolu II, Taqsima 2, Subtaqsima 2, [BISS [kollha inklużi l-intitolamenti], skema għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira], tar-Regolament (UE) 2021/2115, fejn l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK relatati mal-ambjent u mal-klima (c) l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa raba'

5. "Bidwi żagħżugħ" għandha tiġi definita b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) limitu massimu ta' età stabbilit bejn 35 u 40 sena; (b) ikun "kap tal-azjenda". Fejn bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit skont l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament mill-fatt li l-bidwi sussegwentement jaqbeż il-limitu massimu tal-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 1b (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 4, punt 22 tal-SNR); żieda ta' "forniment ta' prodotti pubbliċi" fid-definizzjoni ta' attività agrikola

Emenda 537
Marta Wcisło

Proposta għal regolament

Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "Bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus ġuridiku mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu bid-dritt nazzjonali, li l-azjenda tagħhom tkun fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u li jeżerċitaw attività agrikola kif determinata mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament;
	(2) "Bidwi attiv", għall-fini tal-appoġġ għall-introjtu relatat maż-żona u mal-annimali, tfisser bdiewa li jeżerċitaw livell minimu ta' attività agrikola, filwaqt li mhux neċessarjament jipprekludu l-għoti ta' appoġġ lill-bdiewa pluriattivi jew part-time. Il-kunċett ta' livell minimu ta' attività agrikola, għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-definizzjoni anke fir-rigward ta' interventi oħra;
	(3) "Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;
	(4) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE)

2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(5) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia;

(6) "prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara l-Anness I għat-Trattat);

(7) "produzzjoni agrikola primarja" tfisser il-produzzjoni ta' prodotti tal-ħamrija u tat-trobbija tal-bhejjem, li huma elenkati fl-Anness I tat-Trattat, mingħajr it-twettiq ta' kwalunkwe operazzjoni ulterjuri li tbiddel in-natura ta' dawn il-prodotti;

(8) "ipproċessar ta' prodotti agrikoli" tfisser kwalunkwe operazzjoni fuq prodott agrikolu li tirriżulta fi prodott li huwa wkoll prodott agrikolu, ħlief attivitajiet fl-azjenda agrikola meħtieġa għat-tħejjija ta' prodott tal-annimali jew tal-pjanti għall-ewwel bejgħ;

(9) "kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli" tfisser li prodott jitqiegħed jew jiġi espost bil-ħsieb ta' bejgħ, jiġi offrut għall-bejgħ, jiġi kkonsenjat jew kwalunkwe mod ieħor ta' tqegħid fis-suq, ħlief l-ewwel bejgħ minn bidwi lil rivendituri jew proċessuri u kull attività ta' preparazzjoni ta' prodott għal dan l-ewwel bejgħ; bejgħ minn bidwi lill-konsumaturi finali jitqies bħala kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli jekk iseħħ f'bini jew f'faċilitajiet separati riżervati għal dak l-għan;

(10) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 TFUE.

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni għandha tirreferi għal żoni minflok produzzjoni. Dispożizzjoni simili hija stabbilita fir-Regolament 2021/2115 dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK.

Emenda 538
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, id-definizzjonijiet ta' "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", u "bidwi żagħżugħ" f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u l-prinċipju tal-proporzjonalità u f'konformità ma' dan ir-Regolament.
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet kollha mmirati lejn il-kisba ta' dawk il-prodotti; fejn prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira;
	(b) iż-żamma ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni; meta jkun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta'

benessri tal-annimali jew ambjentali, jew il-provvista ta' servizzi tal-ekosistema, ir-raġħa estensiv ta' żona agrikola li ma jirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa kkonċernati jista' jitqies ukoll bħala "manutenzjoni".

3. "Żona agrikola" għandha tiġi definita b'tali mod li tinkludi biss art li tintuża għal attivitajiet agrikoli, inkluż meta tifforma sistemi agroforestali.

4. "Ettaru eliġibbli" għandu jiġi definit b'tali mod li jinkludi biss żoni li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa u li jinkludu:

(a) żoni agrikoli li fuqhom titwettaq attività agrikola. Jekk jitwettqu wkoll attivitajiet mhux agrikoli f'dawn iż-żoni, l-attività agrikola għandha tkun predominanti;

(b) iż-żoni li għalihom jingħata appoġġ skont l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (g), [appoġġ digressiv għall-introjtu, bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar] ta' dak ir-Regolament, jew skont l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà skont it-Titolu III, il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, is-Subtaqsima 2, [BISS, l-intitolamenti inklużi kollha], skema għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar], tar-Regolament (UE) 2021/2115, meta l-attività agrikola ma titwettaqx minħabba impenji u obbligi li jirriżultaw minn interventi tal-Unjoni jew nazzjonali jew programmi oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK marbuta mal-ambjent u l-klima;

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu fil-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" karatteristiċi tal-pajsaġġ, mhux koperti mill-impenji u l-iskemi msemmija fil-punt (ii), dment li dawn il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ma jfixklux b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-attività agrikola u ma jkunux predominanti fuq il-biċċa art.

5. "Bidwi żagħżugħ" għandha tiġi definita b'tali mod li tissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) limitu massimu ta' età stabbilit għal 40 sena;

(b) ikun "kap tal-azjenda".

Meta bidwi jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "bidwi żagħżugħ" fil-mument tal-ewwel aċċess għall-appoġġ, dak l-istatus għandu jinżamm għad-durata kollha tal-perjodu ta' eliġibbiltà stabbilit taħt l-iskema ta' appoġġ rilevanti, irrispettivament minn jekk il-bidwi sussegwentement jaqbiżx il-limitu massimu tal-età.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4, punt 22 tal-SNR. It-test oriġinali ġie emendat biss: fil-paragrafi 1, 2(b), 4(a) u 5(a).

Emenda 539
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	1) "bidwi" tfisser: i) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda agrikola tagħha tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha hija attività agrikola, kif definita mill-Istati Membri fil-kapitolu relatat mal-PAK tal-programmi nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp rurali msemmija fit-Titolu III tar-Regolament dwar il-programmi nazzjonali għall-iżvilupp rurali, f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament; jew ii) persuna fiżika jew entità ġuridika żgħira, li l-attività prinċipali tagħha mhijiex l-

agrikoltura, iżda li hija involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri;

(2) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' LEADER, "benefiċjarju" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jew kwalunkwe entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha, li hija stabbilita jew topera fiż-żona koperta mill-istrateġija ta' żvilupp lokali rilevanti u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija, inklużi l-korpi pubbliċi, is-sħab ekonomiċi u soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi lokali oħra.

(3) "Il-kunċett ta' 'bidwi attiv' għandu jiġi ddefinit b'tali mod li jinkludi primarjament il-bdiewa li jwettqu attività agrikola fl-azjenda agrikola tagħhom. Il-bdiewa attivi għandhom jitqiesu li jinkludu wkoll dawk li l-attività ewlenija tagħhom mhijiex agrikola, iżda li jwettqu livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri."

(4) "Operazzjoni": pagament mogħti lill-bdiewa jew benefiċjarji oħra taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażat fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5 [Tipi ta' appoġġ], il-punti (a) sa (g), (o) u (p), ta' dan ir-Regolament.

(5) "bidwi ġdid": bidwi li mhuwiex bidwi żagħżugħ u li huwa l-kap tal-azjenda agrikola għall-ewwel darba, irrispettivament mill-forma ġuridika tal-azjenda agrikola.

(6) "biedja organika": sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a];

(7) "azjenda": l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif

definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(8) "Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli" jew "(AKIS)": l-organizzazzjoni u l-flussi tal-għarfien ikkombinati bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u l-oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(9) "il-gżejjer minuri tal-Eġew": kwalunkwe gżira tal-Baħar Eġew, ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.

Or. es

Emenda 540
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	"Bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus ġuridiku mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu bid-dritt nazzjonali, li l-azjenda tagħhom tkun fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u li jeżerċitaw attività agrikola kif determinata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 1b(ġdid) ta' dan ir-Regolament;

(2) "Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jiġi żgurat li l-appoġġ jingħata biss lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lill-gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, involuti f'minn tal-anqas livell minimu ta' attività agrikola, filwaqt li bdiewa pluriattivi jew part-time ma jiġux neċessarjament preklużi mill-għoti ta' appoġġ.

Meta jiddeterminaw min għandu jkun "bidwi attiv", l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, bħal testijiet tal-introjtu, inputs ta' xogħol fl-azjenda agrikola, l-objettivi tal-kumpannija u l-inklużjoni tal-attivitajiet agrikoli tagħhom fir-reġistri nazzjonali jew reġjonali. Tali kriterji jistgħu jiġu introdotti f'forma waħda jew aktar magħżula mill-Istati Membri, inkluż permezz ta' lista negattiva li tiskwalifika bidwi milli jitqies bħala bidwi attiv. Jekk Stat Membru jikkunsidra bħala "bdiewa attivi" dawk il-bdiewa li ma rċevewx pagamenti diretti li qabżu ċertu ammont għas-sena preċedenti, dan l-ammont ma għandux ikun ogħla minn EUR 5 000.

(3) "operazzjoni" tfisser:

(a) proġett, kuntratt, azzjoni jew grupp ta' proġetti jew azzjonijiet magħżula skont il-Pjan NRCAP ikkonċernat;

(b) fil-kuntest ta' strumenti finanzjarji, in-nefqa pubblika totali eliġibbli mogħtija għal strument finanzjarju u l-appoġġ finanzjarju sussegwenti pprovdut lir-riċevituri finali minn dak l-istrument finanzjarju;

(4) "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba.

(5) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(6) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(7) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament

(8) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia

Or. en

Ġustifikazzjoni

((dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + definizzjoni "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4 tal-SNR (3c), (9c), (16)): It-test il-Ġdid: id-definizzjoni tad-definizzjoni ta' "bidwi" tirrifletti d-definizzjoni eżistenti u d-definizzjoni ta' "bidwi attiv" bħal fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament 2115/2021 u d-definizzjoni ta' "operazzjoni" tar-Regolament 2115/2021

Emenda 541
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "Bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus

legali mogħti lil dawn il-gruppi u lill-membri tagħhom skont id-dritt nazzjonali, li jimmaniġġjaw azjenda agrikola kif definita f'dan l-Artikolu u li l-attività ewlenija tagħhom tkun attività agrikola, kif definita mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu XX (1b(ġdid)).

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil dawn il-gruppi u lill-membri tagħhom skont id-dritt nazzjonali, li jimmaniġġjaw azjenda agrikola kif definita f'dan l-Artikolu iżda li l-attività ewlenija tagħhom ma tkunx l-agrikoltura, għandhom jitqiesu bħala bdiewa, sakemm ikunu involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri.

(2) ""Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel. Il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi."

(3) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament.

(4) "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba.

(5) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(6) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(7) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament

(8) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia. [1] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150 14.6.2018, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + definizzjoni "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4 tal-SNR (3c), (9c), (16))

Emenda 542
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	(1) "Bidwi" tfisser: persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew

ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li jkollhom azjenda kif definita fil-paragrafu (7) ta' dan ir-Regolament, u li jeżerċitaw attività agrikola kif iddeterminata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 2b(3) ta' dan ir-Regolament.

(2) "benefiċjarju" fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' LEADER tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha li hija stabbilita jew topera fiż-żona koperta mill-istrateġija ta' żvilupp lokali rilevanti u li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija, inklużi korpi pubbliċi, sħab ekonomiċi u soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u atturi lokali oħra;

(3) "'Bidwi attiv' tfisser bidwi li jeżerċita 'attività agrikola' fl-azjenda tiegħu u 'jikkontribwixxi b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel'." "Kontribut attiv għas-sigurtà tal-ikel" għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru fil-Pjan SNR tiegħu abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, bħall-introjtu tal-bdiewa mill-attività agrikola.

(4) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa jew benefiċjarji oħra taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5 [Tipi ta' appoġġ], il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament;

(5) "bidwi ġdid" tfisser bidwi li mhuwiex bidwi żagħżugħ u li huwa l-kap tal-azjenda għall-ewwel darba, irrispettivament mill-forma legali tal-azjenda agrikola;

(6) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a];

(7) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha

użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(8) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(9) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj).

Or. en

Emenda 543
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew gruppi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u li teżerċita attività agrikola produttiva minima fiha, filwaqt li ma jipprekludux l-għoti ta' appoġġ lil bdiewa pluriattivi jew part-time skont il-kriterji definiti mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(2) "Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jiġi żgurat li l-appoġġ jingħata biss lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lill-gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, involuti f'minn tal-anqas livell minimu ta' attività agrikola, filwaqt li bdiewa pluriattivi jew part-time ma jiġux neċessarjament preklużi mill-għoti ta' appoġġ.

(3) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament.

(4) "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba.

(5) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(6) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(7) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-

organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament

(8) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia. [1] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150 14.6.2018, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + definizzjoni "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4 tal-SNR (3c), (9c), (16)); id-definizzjoni ta' bidwi ġiet emendata;

Emenda 544
Stefano Bonaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "Bidwi" tfisser:
	(i) persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun xi jkun l-istatus legali mogħti lill-grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħhom hija attività agrikola f'konformità mal-kriterji definiti mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament; jew

(ii) persuna fiżika jew persuna ġuridika żgħira, li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri;

(2) "Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel. Il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa;

(3) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament.

(4) "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba;

(5) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(6) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(7) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u

oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(8) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + definizzjoni "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4 tal-SNR (3c), (9c), (16))

It-test oriġinali ġie emendat biss fil-paragrafu 1, punt (i)

Emenda 545
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "Bidwi" tfisser: (i) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda tagħha tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha hija attività agrikola, kif definita mill-Istati Membri fil-kapitolu tal-PAK tal-Pjanijiet SNR tagħhom, kif imsemmi fit-Titolu III tar-Regolament SNR, f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament; jew (ii) persuna fiżika jew persuna ġuridika żgħira, li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri.
	(2) "benefiċjarju" fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-LEADER tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha li hija stabbilita jew topera fiż-żona koperta

mill-istrateġija ta' żvilupp lokali rilevanti u li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija, inklużi korpi pubbliċi, sħab ekonomiċi u soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u atturi lokali oħra.

(3) "bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom. Il-bdiewa, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi.

(3a) ġdid. Fl-ebda każ ma għandhom dawn li ġejjin jitqiesu li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' "bidwi" stabbilita fil-Paragrafu 1:

a) persuna fiżika:

i) b'introjtu annwali mhux agrikolu li jaqbeż l-EUR 200 000 jew;

ii) li ma għandhiex residenza permanenti fl-Unjoni Ewropea;

b) kwalunkwe persuna ġuridika:

i. mhux stabbilita fl-Unjoni Ewropea jew;

li għaliha l-attività agrikola tagħha tirrappreżenta inqas minn 50 % tad-dħul annwali jew;

fejn inqas minn 50 % tal-persuni ġuridiċi jew fiżiċi (azzjonisti) li jiffurmaw il-kumpanija jkollhom residenza permanenti fl-Unjoni Ewropea jew;

fejn inqas minn 25 % tal-persuni ġuridiċi jew fiżiċi (azzjonisti) li jiffurmaw il-kumpanija jkollhom l-agrikoltura bħala l-attività predominanti;

Or. en

Emenda 546
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(i) "Bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħhom hija attività agrikola fiż-żona agrikola tal-azjenda tagħhom f'konformità mal-kriterji definiti mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament, inklużi bdiewa plurikattivi li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola;
	(ii) "Bidwi attiv" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tinkludi bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fiż-żona agrikola tal-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel, bdiewa pluriattivi, li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, u li qed jikkontribwixxu wkoll għas-sigurtà tal-ikel għandhom jitqiesu bħala bdiewa attivi;
	(iii) "operazzjoni" tfisser pagament mogħti lill-bdiewa taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK ibbażati fuq iż-żona u l-annimali msemmija fl-Artikolu 5(1) [Tipi ta' intervent], il-punti (a) sa (g), (o) u (p) ta' dan ir-Regolament.
	(iv) "bidwi ġdid" għandha tiġi ddeterminata b'tali mod li tirreferi għal bidwi li ma jkunx bidwi żagħżugħ u li jkun il-kap tal-azjenda għall-ewwel darba;
	(v) "biedja organika" tfisser sistema ta' produzzjoni organika ċċertifikata

f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(vi) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 tat-TFUE;

(vii) "Sistema tal-Għarfien u tal-Informazzjoni Agrikoli" jew "AKIS" tfisser l-organizzazzjoni kkombinata u l-flussi tal-għarfien bejn il-persuni, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li jużaw u jipproduċu għarfien u innovazzjonijiet għall-agrikoltura u oqsma interrelatati msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;

(viii) "il-gżejjer minuri tal-Eġew" tfisser kwalunkwe gżira fil-Baħar Eġew ħlief il-gżejjer ta' Kreta u Evia;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-adozzjoni ta' definizzjoni unika ta' bidwi tnaqqas il-kumplessità amministrattiva bla bżonn u tiffaċilita tranżizzjoni aktar simplifikata għal parteċipanti ġodda u bdiewa żgħażagħ. B'mod partikolari, tirrikonoxxi li individwi li huma l-kap ta' azjenda jistgħu, matul il-fażi tal-istabbiliment tal-intrapriża tagħhom, jirrikjedu sorsi supplimentari ta' introjtu sabiex jiksbu vijabbiltà ekonomika. Għalhekk, definizzjoni unika tappoġġa l-objettivi tat-tiġdid ġenerazzjonali skont l-Artikolu 15b billi tneħħi l-ostakli regolatorji għal parteċipanti ġodda.

Emenda 547
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	L-Artikolu 1a (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 4, il-punti (14), (15), (17), (23)

tal-SNR + id-def. “bidwi attiv”, l-ittra VdL + l-Artikolu 4(3c), (9c), (16) tal-SNR)

(1) “Bidwi” tfisser:

a) persuna fiżika jew ġuridika li l-azjenda agrikola tagħha tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħha tkun attività agrikola f’konformità mal-kriterji definiti mill-Istati Membri. Dawk il-kriterji għandhom jinkludu livell minimu ta’ attività agrikola u jistgħu jqisu l-produzzjoni, l-introjtu tal-azjendi agrikoli, ix-xogħol, ir-reġistrazzjoni fir-reġistri agrikoli, il-ġestjoni tal-azjenda, it-teħid ta’ riskju ekonomiku u l-kontribut għas-sigurtà tal-ikel, l-impjiegi rurali u l-ġestjoni territorjali. Id-definizzjoni ma għandhiex teskludi awtomatikament il-bdiewa pluriattivi, il-bdiewa part-time, il-persuni ġuridiċi jew il-gruppi ta’ bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola ġenwina.

b) persuna fiżika jew persuna ġuridika ta’ skala żgħira, li l-attività prinċipali tagħha ma tkunx l-agrikoltura, iżda li tkun involuta f’mill-inqas livell minimu ta’ attività agrikola, kif definit mill-Istati Membri.

(2) “Bidwi professjonali attiv” għandha tfisser bidwi li primarjament iwettaq attività agrikola effettiva fl-azjenda tiegħu, iġarrab ir-riskji ekonomiċi inerenti f’dik l-attività u jikkontribwixxi b’mod attiv għas-sigurtà tal-ikel, għall-produzzjoni agrikola, għall-impjieg rurali jew għall-ġestjoni territorjali. Il-bdiewa żgħar, il-bdiewa b’attivitajiet multipli u dawk li l-attività ewlenija tagħhom hija l-agrikoltura għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi meta jwettqu mill-inqas livell minimu ta’ attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jużaw kriterji oġġettivi u listi negattivi biex jeskludu l-applikanti li l-attività tagħhom hija fil-biċċa l-kbira mhijiex agrikola jew hija purament passiva.

Or. es

Emenda 548
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Suġġett u definizzjonijiet
	Iż-"żona agrikola" tiġi ddeterminata b'tali mod li tinkludi raba' li jinħadem, l-għelejjel permanenti u l-bwar permanenti, inkluż meta jiffurmaw sistemi tal-agroforestrija f'dik iż-żona. It-termini "raba' li jinħadem", "għelejjel permanenti" u "bur permanenti" għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri fil-qafas li ġej:
	(i) "raba' li jinħadem" tfisser art ikkultivata għall-produzzjoni tal-għelejjel jew art disponibbli għall-produzzjoni tal-għelejjel iżda li titħalla tistrieħ;
	(ii) "għelejjel permanenti" tfisser l-għelejjel għajr il-bwar permanenti u l-mergħat permanenti li ma humiex parti minn rotazzjoni tal-għelejjel, li jokkupaw l-art għal ħames snin jew aktar u li jipproduċu ħsad ripetut, inkluż il-mixtliet u l-imsaġar b'newba qasira;
	(iii) "bwar permanenti" u "mergħat permanenti" (li minn hawn 'il quddiem flimkien jissejħu "bwar permanenti") tfisser l-art li tintuża biex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor, b'mod naturali jew permezz taż-żrigħ, kif ukoll l-art fejn il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor ma jkunx predominanti jew ikun assenti, li ma tkunx ġiet inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-azjenda agrikola għal mill-inqas għaxar snin. Il-bwar jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji:
	- bwar temporanji, stabbiliti għal inqas minn ħames snin;

- bur ta' rotazzjoni twila, stabbilit għal perjodu ta' bejn ħames u għaxar snin;

- bur permanenti, stabbilit għal aktar minn għaxar snin.

Dawn jistgħu jinkludu wkoll speċijiet oħrajn adattati għar-ragħa u speċijiet oħrajn adattati għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali, bħal arbuxelli jew siġar, fejn il-ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor ma humiex predominanti jew huma assenti.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

SNR preċedenti, l-Art. 4, il-punti 14, 15, 17, 23 + id-def. "bidwi attiv" l-ittra VdL + SNR, l-Artikolu 4 3(c), 9(c) u 16

Emenda 549
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Artikolu 1(b) ġdid - Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	(22)
	1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "bidwi żagħżugħ" tfisser bidwi li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
	a) ikollu 40 sena jew inqas meta japplika għall-appoġġ inkwistjoni;
	b) jeżerċita kontroll effettiv u fit-tul fuq l-azjenda fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni, il-profitti u r-riskji finanzjarji, waħdu jew flimkien ma' bdiewa oħra.
	2. L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-Pjanijiet SNR tagħhom rekwiżiti addizzjonali relatati ma' taħriġ adegwat jew ħiliet meħtieġa. Huma ma jistgħux

jistabbilixxu limitu massimu tal-età li jiddevja minn dak speċifikat fil-paragrafu 1, il-punt (a), jew inkun inqas minnu u lanqas ma jistgħu jillimitaw it-tul ta' żmien li matulu bidwi li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 jista' jirċievi appoġġ għal bdiewa żgħażagħ billi jimponu għadd massimu ta' snin mill-mument tal-istabbiliment jew tal-applikazzjoni inizjali.

3. Meta bidwi jissodisfa r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), fil-bidu ta' intervent jew impenn pluriennali, huwa għandu jżomm l-istatus ta' bidwi żagħżugħ għat-tul kollu tiegħu, irrispettivament minn jekk jaqbiżx il-limitu massimu tal-età matul dak il-perjodu.

4. Il-paragrafu 1 ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet li skonthom l-appoġġ ikun marbut mal-istabbiliment inizjali bħala operatur ta' negozju u jingħata darba biss.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Former NRP Article 4(22), agreed to be transferred.Amendments compared to the transferred text: new age limit to the definition (under 40), instead of an age range. Additional provisions that need to be fulfilledThe amendment establishes a purely age-based definition in the basic legal act: a young farmer is anyone who is 40 years old or younger at the time of the respective application. This means that support for young farmers remains available throughout the entire period up to the age limit — a farmer who takes over a holding at the age of 20 can therefore benefit for two decades. This reflects the economic reality that the establishment and investment phase following a farm takeover extends far beyond the previously customary limited support periods, and it eliminates the disadvantage faced by particularly early farm takeovers, which under the current rules fall out of support after only a few years, while later successors continue to receive support up to the age limit.Paragraph 2 preserves the competence of the Member States with regard to education and qualification requirements, but prohibits both lower national age limits and national time limits on the duration of support that would undermine the age-based definition. Paragraph 3 ensures that a young farmer who exceeds the age limit during an ongoing multiannual intervention does not lose eligibility for that intervention. Paragraph 4 clarifies that one-off aids linked to first establishment — in particular the installation support pursuant to Article 14 — remain one-off; the age-based definition does not create an entitlement to repeated granting of such support.

Emenda 550
Jérémy Decerle, Laurence Farreng, Stéphanie Yon-Courtin, Grégory Allione, Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	(1) "Bidwi" huwa definit bħala persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil dak il-grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u li twettaq attività agrikola kif definita mill-Istati Membri.
	(2) "Bidwi attiv" huwa persuna fiżika:
	(a) li, waħidha jew flimkien ma' bdiewa assoċjati oħra, għandha l-kapital tal-azjenda agrikola u tikkontrolla, direttament jew indirettament, il-mezzi ta' produzzjoni
	(b) li hija involuta f'deċiżjonijiet strateġiċi u operazzjonali
	(c) li l-introjtu mhux agrikolu annwali tagħha, jekk ikun hemm, ma jaqbiżx erba' darbiet il-paga minima nazzjonali annwali
	(d) li tista' turi taħriġ agrikolu xieraq
	Persuna fiżika tista' tiġi rikonoxxuta bħala bidwi attiv minn Stat Membru darba biss.
	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrestringu ċerti miżuri għall-bdiewa attivi biss.

Or. en

Emenda 551
Willemien Koning

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	"Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel. Il-bdiewa, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi, irrispettivament mill-forma legali li skontha titwettaq l-attività agrikola. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell minimu ta' attività agrikola b'tali mod li l-bdiewa pluriattivi u part-time li jeżerċitaw attività agrikola ġenwina ma jiġux esklużi mill-appoġġ. L-attivitajiet ta' diversifikazzjoni mwettqa fl-azjenda u marbuta mal-attività agrikola, bħall-agrikoltura għal finijiet terapewtiċi, l-agrituriżmu, il-bejgħ dirett u l-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, ma għandhomx jaffettwaw l-istatus ta' bidwi attiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR, maqbul li jiġi trasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: "Bdiewa b'azjenda agrikola żgħira" sostitwita bi "Bdiewa"; żieda ta' "irrispettivament mill-forma legali li skontha titwettaq l-attività agrikola"; żieda tal-aħħar żewġ sentenzi li jissalvagwardjaw bdiewa pluriattivi u part-time li jeżerċitaw attività agrikola ġenwina u attivitajiet ta' diversifikazzjoni fl-azjendi agrikoli. Din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għall-Artikolu 1a, il-punt 2, tar-Regolament dwar il-PAK kif stabbilit fid-dokument ta' ħidma li jinkorpora t-trasferimenti.

Emenda 552

Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	2. "Attività agrikola" għandha tiġi ddeterminata permezz ta' waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:
	(a) il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, li tinkludi azzjonijiet bħat-trobbija tal-annimali jew il-kultivazzjoni, fejn prodotti agrikoli tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-qoton u l-imsaġar b'newba qasira u l-produzzjoni ta' prodotti tal-kultivazzjoni tal-għadajjar fl-irqajja' agrikoli tal-LPIS minkejja l-elenkar ta' tali prodotti skont l-Anness I tat-TFUE;
	(b) il-manutenzjoni ta' żoni agrikoli, li tikkonsisti fl-attivitajiet li għandhom l-għan li jżommu l-art fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni, inkluż fejn tkun implimentata għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali jew ambjentali u ma tirriżultax f'żieda fil-produzzjoni agrikola għall-bdiewa.

Or. en

Emenda 553
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet

Għall-finijiet tal-Artikolu 3a, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: (a) "rekwiżit" tfisser kull rekwiżit individwali statutorju ta' ġestjoni skont id-dritt tal-Unjoni msemmi fil-Parti A tal-Anness I f'att legali speċifiku, li jvarja fis-sustanza minn kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-istess att legali; (b) "att legali" tfisser kull waħda mid-direttivi u r-regolamenti individwali msemmija fil-Parti A tal-Anness I; (c) "okkorrenza mill-ġdid ta' nuqqas ta' konformità" tfisser nuqqas ta' konformità mal-istess rekwiżit jew standard aktar minn darba f'perjodu konsekuttiv ta' tliet snin kalendarji, dment li l-benefiċjarju jkun ġie infurmat b'nuqqas ta' konformità preċedenti u, fejn rilevanti, ikun kellu ċ-ċans li jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrimedja dak in-nuqqas ta' konformità preċedenti.

Or. en

Emenda 554
Stanislav Stoyanov, Ilia Lazarov

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Bidwi attiv għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri u għandu jiġi applikat fuq bażi volontarja fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru, b'tali mod li jinkludi bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel. Meta jiddeterminaw min huwa "bidwi attiv", l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Tali kriterji jistgħu jiġu introdotti f'forma waħda jew aktar magħżula mill-Istati Membri, inkluż permezz ta' lista negattiva li tiskwalifika bidwi milli jitqies bħala

bidwi attiv. Il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi.

Or. en

Emenda 555
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel - is-sidien jew l-azzjonisti ta' azjendi agrikoli li huma residenti ta' pajjiż mhux tal-UE huma eskluż. Il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR il-punti 14, 15, 17, 23 + definizzjoni "bidwi attiv" ittra VdL + l-Artikolu 4 tal-SNR (3c), (9c), (16)) żieda ta'; "is-sidien jew l-azzjonisti ta' azjendi agrikoli li huma residenti ta' pajjiż mhux tal-UE huma eskluż"

Emenda 556
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjoni ta' bidwi
	Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	"Bidwi" tfisser: persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lil tali grupp u lill-membri tiegħu mid-dritt nazzjonali, li jkollhom azjenda kif definita fl-Artikolu 4(16) tar-Regolament dwar il-PSNR, u li jeżerċitaw attività agrikola kif iddeterminata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 2b(3) ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 1a (ġdid) (dak li qabel kien l-Artikolu 4(3)(c) u l-Artikolu 4(16) tal-PSNR).

Emenda 557
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	(2) "Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jiġi żgurat li l-appoġġ jingħata biss lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew lill-gruppi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, involuti f'minn tal-anqas livell minimu ta' attività agrikola, inklużi

bdiewa pluriattivi u part-time u azjendi agrikoli żgħar tal-familja.

Biex jitqies bħala "bidwi attiv", għandu jkun meħtieġ taħriġ jew ħiliet xierqa, kif determinat mill-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4 tal-SNR - Emendi mqabbla mat-test trasferit: definizzjoni ta' bidwi attiv, u l-paragrafu li ġej (taħriġ bħala kriterji għad-definizzjoni ta' bidwi attiv).

Emenda 558
Emma Wiesner, Christine Singer, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	(1) "Bidwi attiv" għandu jiġi ddeterminat b'tali mod li jinkludi primarjament bdiewa li jeżerċitaw attività agrikola fl-azjenda tagħhom u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel jew għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli. Il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, li l-attività prinċipali tagħhom mhijiex attività agrikola, iżda li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola, kif stabbilit mill-Istati Membri, għandhom jitqiesu wkoll bħala bdiewa attivi.

Or. en

Emenda 559
Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	(1) "Bidwi" tfisser:
	(i) persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-azjenda tagħhom tinsab fl-Unjoni u li l-attività prinċipali tagħhom tkun attività agrikola fiż-żona agrikola tal-azjenda tagħhom f'konformità mal-kriterji definiti mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament; jew li jinkludu bdiewa plurikattivi u bdiewa b'introjtu doppju li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 4(3c) tal-SNR, maqbul li jiġi trasferit. Emendi mqabbla mat-test trasferit: Punt (1) Inserzjoni ta' "jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi"; inserzjoni ta' "fiż-żona agrikola tal-azjenda tagħhom"; inserzjoni ta' "li jinkludu bdiewa plurikattivi u bdiewa b'introjtu doppju li huma involuti f'mill-inqas livell minimu ta' attività agrikola"

Emenda 560
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	8 (ġdid)
	Fil-każ ta' azjenda agrikola kooperattiva, bħala kooperattiva legali, entità ġuridika komparabbli jew assoċjazzjoni ta' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi, kemm l-azjenda agrikola kooperattiva bħala tali kif ukoll, fejn applikabbli, il-membri individwali tagħha għandhom jaqgħu taħt id-definizzjonijiet stabbiliti fil-punt (1) il-punti i u ii, il-punt (3) u l-punt (5) dment

li l-membri jipparteċipaw fuq l-istess livell fl-azjenda.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-azjendi agrikoli kooperattivi huma intrapriżi agrikoli b'aktar minn familja waħda li fihom il-bdiewa individwali jaħdmu flimkien fuq l-istess livell u jassumu r-responsabbiltà b'mod konġunt. L-għażla ta' struttura kooperattiva ma għandhiex twassal għal trattament inqas favorevoli mill-biedja individwali. Filwaqt li l-appoġġ jibqa' jingħata lill-kooperattiva bħala benefiċjarju, il-membri tagħha għandhom jiġu rikonoxxuti bħala bdiewa għal regoli relatati mal-appoġġ, b'mod partikolari biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda.

Emenda 561
Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet SNR
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll fil-Pjanijiet SNR tagħhom id-definizzjonijiet ta' "bidwi attiv", "attività agrikola", "żona agrikola", "ettaru eliġibbli", "bidwi żagħżugħ", u "bidwi ġdid" skont dan l-Artikolu, f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda ta' "bidwi attiv" mal-lista ta' termini li għandhom jiġu definiti fil-pjanijiet SNR.

Emenda 562
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament

Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	(2) Imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Titħassar id-definizzjoni proposta mill-Kummissjoni ta' "bidwi attiv" sabiex tinżamm id-definizzjoni attwali.